

SOĊJETÀ SANTA MARIJA u BANDA RE ĠORĠ V
MQABBA
EST. 1910

PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI LI JSIRU
FIL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA F'GIEH

# SANTA MARIJA

PATRUNA TAR-RAĦAL TAGĦNA.
MIT-30 TA' LULJU SAT-22 TA' AWISSU 1991



REVERSE OSMOSIS PLANT – PEMBROKE


# ELBROS CONSTRUCTION LTD.

**Building + Civil Engineering Contractors**

Tar - Robba L/O Kirkop - Malta

Tel: 829660 Fax: (00356)685075




OIL TANKING – KALAFARANA

# SOĊJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V MQABBA EST. 1910

## KUMITAT EŻEKUTTIV 1991

**PRESIDENTI ONORARJI**
Onor. Dr. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P.
Mr. Joseph Farrugia
Mr. Leonard Farrugia

**PRESIDENT**
Carmel Zahra

**VIĊI-PRESIDENT**
Twanny Camilleri, B. Mech. Eng. (Hons), A. Mus. L.S.M.

**SEGRETARJU**
Peter Psaila

**KAXXIER**
Carmel Briffa

**ASS. SEGRETARJU**
Nazzareno Sciberras

**ASS. KAXXIER**
Anthony Ghigo

**MEMBRI**
Teddy Baldacchino
Innocent Farrugia
John Galea
Paul Gauci
Raymond Vella

**DIRETTUR SPIRITWALI**
Patri Joseph Ghigo S.J.

**SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA**
Mro. A. Camilleri A. Mus. L.S.M.

**KUMMISSJONI BANDA**
Raymond Camilleri
Kevin Camilleri
Adrian Zahra

**RAPPREZENTANT FIL-"BAND CLUBS ASSOCIATION"**
Carmel Briffa

**DELEGAT TAN-NAR**
Raymond Vella

**REVIŻURI**
Benny Camilleri
Ronald Zammit

# SEAL COLD

## SEAL COLD

Manufactures Insulation for Cold Rooms.

P.V.C. Strip Curtains for Doors.

Conserving and Ripening Machines for Fruit, Vegetables and Flowers.

For more information please contact

**ROCCO CAMILLERI**
**"COUNTRY VIEW"**
**Dawret L-Imqabba,**
**Mqabba.**

**Tel No. 683222**






STRIP CURTAINS




DAMELENE



RIPENING ETHYLENE GENERATOR EP/99



STEAM HUMIDIFIER
"SUPER STEAM" 50-M



# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

"Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek" (Lq 1,38). B'din l-istqarrija lill-Anġlu Gabriel, Marija fasslet il-programm kollu ta' ħajjitha. Għal Marija, ir-rieda t'Alla kienet tiġi l-ewwel u qabel kollox. L-imġieba tagħha tul ħajjitha hi xhieda sħiħa ta' dan. Dan ifisser li l-Karita' tagħHa lejn Alla u lejn il-proxxmu, ma kenitx imħabba tal-fomm biss, iżda mħabba vera li għexet f'kull ċirkostanza, anzi, f'kull mument ta' ħajjitHa.

Ma' rridux ninsew li l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu, ċioe, il-karita', hi fost l-għola u l-aqwa virtujiet. Dan għaliex il-karita' ġġagħalna nagħmlu r-rieda t'Alla fi ħwejjeġ kemm kbar kif ukoll żgħar.

U Marija hi l-isbaħ u l-aqwa mudell ta' din il-virtu.

Marija ħabbet fuq l-art u għadha tħobb fis-sema dak li jħobb Alla; Marija stmerret u għadha tistmerr dak li jistmerr Alla. Hija ħabbet lil Alla b'mod straordinarju billi tat kull ma' kellha u kull ma kienet lilu bla ebda riserva.

U aħna uliedHa, fejn ninsabu? Forsi l-istqarrija ta' Ommna Marija, ".....ħa jsir minni skond kelmtek," ma tgħoddx għalina, li tant niftaħru li nħobbuHa? Forsi Marija Assunta aktar tfittex fil-festi tagħHa tiżjin u strobju milli l-virtu tal-karita' fina li għandha twassalna għal dik il-vera mħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu?

Ejjew, għeżież Imqabbin, nagħmlu festa lill-Madonna għax verament tixirqilHa la għarfet tħobb daqstant. Ejjew ukoll nifirħu magħha, mhux daqstant bl-ingann tal-konsumiżmu, daqskemm bit-tiżjin tal -virtu tal-karita' - imħabba sinċiera bla ebda riserva lejn kulħadd. Jekk aħna naslu għal dan, allura l-festa, imwieżna b'dil-virtu u bis-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin, m'għandhix tkun jekk mhux verament suċċess għax tkun għoġbot lil Alla.... u dak li jogħġob biss 'l Alla jista' jferraħ lill-Ommna Marija.

Il-festa t-tajba.

**Fr. Willie**

# Martin Monreal
## IRONMONGERY

Issibu għall-bejgħ:
*Madum, żebgħa ta' kull kwalità. ħġieġ u ħafna oġġetti utli għall- bini.*

**Bronja Street, Żurrieq.**
**Tel: 682435**

# MQABBA MINI-MARKET

(IL-MARKIS)

St. Cathrine Str., MQABBA

**Nixtiequ l-festa t-Tajba lill-klijenti kollha**

# JOE'S PROFILE ALUMINIUM

3, Valletta Road,
Żurrieq.

Tel: 829601

## ELLUL WOODWORK MQABBA

GĦAL KULL XORTA TA' XOGĦOL TA'

APERTURI, GĦAMARA U KOLONNI TAT-TARAĠ BI PREZZIJIET MODERATI

**ELLUL WOODWORK**
**Valletta Road, Mqabba.**
**TEL: 683152 - 689470**

Banda Re Ġorġ V

# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT



Għeżież Membri u Partitarji,

Il-15 ta' Awissu, Jum l-Għid ta' l-Assunta dalwaqt magħna u għalhekk ma jistax jonqos illi s-Soċjeta' tagħna, bħas-snin l-imgħoddija, tinsab fl-aħħar preparamenti sabiex dan l-avveniment annwali niċċelebrawħ bil-kbir, hekk kif verament jixraq lil Ommna Marija Assunta.

Bla dubbju ta' xejn, meta tiġi f'idejkom din il-ħarġa tal-ktejjeb ta' tifkira tal-Festa 1991 wieħed mill-ewwel jinduna li din is-sena fih għadd ġmielu ta' paġni aktar u tagħrif storiku fuq raħalna, minbarra s-solitu taqsimiet dwar il-Każin, il-Banda u l-Festa. L-għan prinċipali ta' dan il-ktejjeb huwa li jgħin kemm jista' jkun fit-tkattir tal-kultura fl-oqsma kollha tagħha: kultura mużikali, storika u anki reliġjuża. Huwa tajjeb illi nfakkru l-preżent iżda, biex nitgħallmu dejjem iżjed inħobbu kulma huwa sabiħ u ta' ġid għalina u għal uliedna, bil-fors irridu nirrikorru wkoll għall-imgħoddi. B'dan f'moħħna għandu jkollna direzzjoni ċara u għinuna sħiħa sabiex nifhmu l-idejali tagħna u ngħixu aħjar il-valuri morali, li huma r-ruħ tal-kultura kollha kullimkien.

Wara dik l-introduzzjoni qasira, ejjew ngħaddu biex naraw x'kienu l-aktar ħidmiet importanti li wettaqna flimkien, matul din is-sena. Kif ħafna minnkom jafu, ser jiżżanżnu xi opri ġodda illi żgur ser jibqgħu jidgawdew minna u minn uliedna. Fost dawn qed jiġu skulturati, fuq il-faċċata tal-każin, żewġ armi li ser ikunu jirrappreżentaw żewġ emblemi mill-Litanija tal-Madonna. Għandi l-pjaċir inħabbar ukoll illi l-ispejjes kollha għal dan ix-xogħol ġew imħallsa mill-aħwa Ellul (ta' Katrinu), familja benefattriċi tas-Soċjeta' tagħna. Opra oħra artistika żgur ser tkun l-Istatwa ġdida ta' Papa Piju XII, illi magħha ser inżanżnu wkoll Pedestall, maħdum mill-membru tagħna s-Sur Paul Mifsud, u mħallas mill-benefattur, President Onorarju u ex-President tas-Soċjeta' tagħna, is-Sur Joseph Farruġia. Ta' dan kollu, nirringrazzja lil kulħadd minn qiegħ qalbi.

Ma rridx ninsa insemmi ukoll illi ser inżanżnu "Wall Unit" tal-kewkba u għamara oħra, kif ukoll sett "portraits" ta' mużiċisti u kompożituri għas-sala tal-banda. Xogħol ieħor sar volontarju fuq aktar bandalori, pavaljuni u festuni tad-dawl, illi żgur ser ikomplu jkabbru l-festa tant għażiża għalina. Kif qegħdin taraw kellna sena mimlija xogħol, biss meta naraw ir-rispons tagħkom, nimtlew b'aktar kuraġġ u għal sena oħra, jekk Alla jrid inwegħdukom lli nkomplu naħdmu iżjed.

Min hu midħla tal-Każin tagħna jaf illi wettaqna ir-reviżjoni ta' l-Istatut, li ħaditilna ħafna ħin f'laqgħat. Erġajna ħadna sehem fil-Kompetizzjoni tat-tiżjin tal-faċċata tal-Każini għal żmien il-Milied u ħriġna bl-unuri kollha, grazzi għas-sagriffiċċju u l-impenn ta' ħafna mis-Soċji tagħna. Mill-ġdid, grazzi lil kull min għen f'dawn il-ħidmiet.

Il-Banda għalkemm sofriet ħafna t-telfa tal-maħbub Mro. G. Martin, kompliet ġejja 'l quddiem grazzi għall-ħeġġa u t-tħabbrik tas-surmast il-ġdid tagħna Mro. A. Camilleri u l-Assistent is-Sur Leonard Farrugia. Fil-fatt din is-sena ser ikollna tlett bandisti ġodda oħra. Barra milli nifirħilhom u nirringrazzja lil għalliema tagħna, bħas-soltu nagħmel appell speċjali sabiex kull omm u missier iħossu d-dmir tagħhom illi jħeġġu aktar lil uliedhom jibdew jattendu l-lezzjonijiet tal-mużika offruti b'xejn mill-każin tagħna.

Fl-aħħar, iżda mhux l-aqas, nixtieq nirringrazzja lil Fergħa tan-Nisa tax-xogħol, ġbir u attivitajiet oħra li jagħmlu, kif ukoll lil tan-Nar, illi b'sogru kbir għal ħajjithom jippreparaw programm li kull ma jmur qegħdin dejjem narawh isir aktar professjonali..

Mela ejjew soċji u partitarji, ningħaqdu flimkien, inġibu ruħna tajjeb u kif jixraq, billi nkunu ddixxiplinati u ma noffendu 'l ħadd ħalli ninkurunaw din is-sena ta' ħidma b'festa mill-aqwa, hekk kif jixraq u jogħġob lil Ommna Marija Mtella' s-sema bir-ruħ u l -ġisem.

VIVA SANTA MARIJA U
VIVA S-SOĊJETA' LI ĠĠIB ISIMHA.

***Carmel Zahra***
***President***

# PAUL'S TRANSPORT

(Ta' Ġenju)

Prop. Paul Sciberras

## COACH HIRE SERVICE

Garage:
45, Valletta Road,
Mqabba

Residence:
62, Valletta Road,
Mqabba

Tel: 685731



# DENFAR
EXCAVATORS LTD.



**Earthmoving works, Trench Digging, Pipelaying, etc.**

DAWRET L-IMQABBA,
IMQABBA
Tel: 683228 - 099 3228

# Banda Re Ġorġ V



# IL-KELMA TAS-SEGRETARJU

Għeżież Soċji u Partitarji,

Nibda' dawn il-kelmtejn tiegħi billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat tal-fiduċja li wrew fiha meta ħatruni Segretarju. Barra minn hekk, ħaqqhom aktar minn sempliċi ringrazzjament is-Segretarji ta' qabli illi kkontribwew kemm setgħu biex is-Soċjeta' tagħna imxiet il-quddiem.

Iż-żmien itir, aktar w aktar meta tkun involut f' ħidma wara l-oħra li ma tieqaf xejn. Barra x-xogħol u l-preparamenti li jsiru fil-laqgħat tal-kumitat, sar ħafnaxogħol volontarju mis-soċji u partitarji rġiel u nisa illi ħalla l-frott mixtieq. Fil-fatt, hekk kif għaddiet il-Festa ta' l-1990, grupp ta' soċji taħt it-tmexxija għaqlija tas-sur Paul Mifsud, bdew jaħdmu bla heda sabiex jitlesta' l-pedestall tal-Papa Piju XII. Grupp ieħor illi rnexxielu jgħolli isem is-soċjeta' tagħna kien dak li ħa ħsieb it-tiżjin tal-faċċata tal-każin għall-kompetitżjoni tal-Milied. L-ewwel post kien altru minn mistħoqq għas-sagrifiċċju ta' dawn il-ħabrieka membri tagħna. Il-ħajja fiha l-ward u x-xewk, u hekk kif għadda l-ferħ tas-suċċess tal-Milied, għaddiet bħal sħaba sewda minn fuq is-soċjeta' tagħna bit-telfa tal-maħbub Mro. G. Martin.Tlifna sumast li qattà' ħajtu magħna iżda ħidmietu u xogħolijietu żgur li ser jibqgħu magħna. Li tagħmilni kburi illi nagħmel parti mis-Soċjeta' tagħna huwa l-fatt illi dejjem kellha membri illi ħasbu fil-ġejjieni tas-soċjeta'. X'hemm aktar prova ta' dan meta wara l-mewt tas-surmast Martin sibna lil Mro.Twanny Camilleri ippreparat professjonalment sabiex jieħu hu l-banda f'idejh. Illum huwa s-surmast/direttur tal-Banda tagħna li, bħal xitla f'art għammiela, nisslitu u kabritu biżżejjed hekk li lest biex jagħmel il-frott, grazzi għal min ħaseb u stinka biex illum ninsabu kif ninsabu.

Ta' importanza kbira għalina huwa x-xogħol bla waqfien li jsir mill-għalliema tal-mużika tagħna, kif ukoll mill-bandisti tal-post illi b'sagrifiċċju kbir jattendu s-sena kollha sabiex jippreparaw il-programm mużikali kif inhu xieraq. Sehem in-nisa fis-soċjeta' tagħna qatt ma naqas u ta' dan, is-soċjeta' onorathom bl-ogħla ġieh li tista' tagħtihom,dak li jkunu soċi, grazzi għall-Istatut il-ġdid.il-grupp li jieħu ħsieb il-ġbir bieb b'bieb is-sena kollha kif ukoll dak li jieħu ħsieb jorganizza l-attivitajiet soċjali saru indispensabbli biex itaffu ftit mill-ispejjes li jkollna. Imbagħad, xi ngħidu għall-grupp tan-nar! Dawn huma nies illi la jafu x'inhu mistrieħ u aktar w'aktar x'inhi festa, biex ma nsemmux ukoll is-sagrifiċċji kbar li jagħmlu u l-periklu kbir li kontinwament ikollhom jaħdmu fih. Ħaqqhom il-veru kull tifħir, aktar w'aktar meta jaħdmu id f'id magħna tal-Kumitat sabiex nikkonsolidaw u nkabbru l-isem li huma rnexxielhom jagħmlu lilna bħala soċjeta' kif ukoll lil raħalna.

Ma nistax nagħlaq dawn l-erba' kelmiet tiegħi mingħajr ma, qabel xejn, nirringrazzja l-benefatturi kbar tas-soċjeta' tagħna illi bl-appoġġ kontinwu tagħhom stajna nwettqu l-opri li din is-sena ser ikollna l-opportunita' naraw u mmissu b'idejna!

Għaldaqstant, bħas-snin l-imgħoddija, ejjew niċċelebraw mingħajr kliem żejjed u kif jixraq il-festa tal-Patruna tagħnaSanta Marija. Nieħdu sehem attiv fil-Festa kollha (u meta ngħidu festa infissru sew fil-knisja kif ukoll barra), nagħtu sehemna fil-ġbir u waqt ix-xogħol ta' l-armar u ż-żarmar. Niftakru biss illi kull ma nagħmlu u ngħidu ghandu jkun l-ewwel u qabel kollox,ta' tifħir lil Ommna Marija Mtella' s-Sema.

F'isem is-soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, nawgura l-Festa t-tajba lil Kulħadd.

**Peter Psaila**
**Segretarju**

## SOUTHERN CONSTRUCTION CO. LTD.

**Civil & Building Contractors, Mqabba**

**Tel: 683119, 683369**

**Telecell: 0997328 / 0997349**





Xogħol fuq il-Proġett tal-Power Station ta' Delimara.

## Galdes & Mamo Ltd.

81, ST. CATHERINE STREET, MQABBA. TELEPHONE: 683142

Agent for

# Royal Insurance

undetakes all classes of Insurance including:

- MOTOR
- BURGLARY
- MARINE
- PLATE GLASS
- FIRE
- EMPLOYERS' LIABILITY
- TRAVEL
- YACHT & PLEASURE CRAFT
- PUBLIC LIABILITY
- HOUSEHOLDER/HOUSEOWNER COMPREHENSIVE
- PERSONAL ACCIDENT

**Book early for**

**WEDDINGS, BAPTISIMS, PARTIES etc...**

**BARON CONFECTIONERY**

**at**

**Żurrieq Branch**

**Dun Ġużepp Zammit Str., Żurrieq**

**Tel: 826819**

Banda Re Ġorġ V



# APPELL MILL-KAXXIER

Bla dubju ta' xejn waħda mill-akbar festi li jiġu ċċelebrati f'Malta u Għawdex hija dik ta' Santa Marija. U birraġun il-poplu tal-gżejjer tagħna jagħmel festi kbar lil din l-Omm Verġni. Ġewwa l-Imqabba f'dawn il-ġranet sbieħ, aħna wkoll ningħaqdu mal-ibliet u r-rħula oħra sabiex niċċelebraw kif jixraq fost il-ferħ u l-entużjażmu tas-Soċi u tal-Partitarji, l-Festa ta' Marija Assunta.

Għal dawk li s-sena kollha jippreparaw għall-festa, l-ferħ ta' dawn iż-żminijiet ifisser kontinwazzjoni ta' ħidma bla waqfien biex isir l-aħħar sforz sabiex kollox jirnexxi b'suċċess. U propju b'dan il-ħsieb f'moħħi li jiena nixtieq inwassal dan l-appell tiegħi għaliex il-festa tirrekjedi ħafna xogħol bħal ngħidu aħna kunċerti tal-Banda, armar, logħob tan-nar u ħafna preparamenti oħra.

U la semmejna l-Banda ma nistax ma nifraħx lis-Surmast il-ġdid Maestro Twanny Camilleri li daħal għattmexxija tal-Banda tas-Soċjeta' wara l-mewt ħesrem ta' l-ex - Surmast/Direttur Maestro George Martin li ġrat fl-24 ta' Frar ta' din is-sena. Kien ħsieb għaqli ta' l-Assistent Direttur tal-Banda s-Sur Leonard Farrugia li nisponsorjaw lil seħibna Twanny Camilleri fit-tagħlim tal-mużika għaliex iż-żmien tana parir u l-Banda kompliet miexja fit-triq tal-progress.

Il-grupp ta' l-armar kompla fejn ħalla s-sena l-oħra u għal din is-sena hemm il-ħsieb li jiġi mżanżan pedestall ġdid u statwa tal-Papa Piju XII. Hemm il-ħsieb ukoll li jiġu mżanżna xi bandalori kif ukoll pavaljuni. Qiegħdin isiru ukoll xi festuni tad-dawl għal ċerti toroq.

Insemmi wkoll lid-dilettanti tan-nar li ta' kull sena bis-sagrifiċju kbir li jagħmlu jkomplu jkabbru u jsebbħu l-Festa ta' Santa Marija. Hawn ta' min ifaħħarhom tal-kwalita' eċċezzjonali li dawn id-dilettanti essebixxew fil-ġranet tal-festa tas-sena l-oħra, kemm f'dak li huwa nar ta' l-ajru kif ukoll dak ta' l-art.

Naturalment dan ix-xogħol sar u qiegħed isir bl-għajnuna tal-partitarji kemm irġiel kif ukoll nisa. Ta' dan aħna nirringrazzjawhom. Hawn ta' min jiftakar fil-Partitarji nisa li b'sagrifiċċju għall-familja jorganizzaw attivitajiet u jieħdu ħsieb il-ġbir bieb bieb. Dawn jgħinuna ntaffu ftit mill-ispejjes tal-festa.

Fl-aħħar nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat li matul is-sena, naħdmu flimkien u nfasslu l-programm kollu ta' matul is-sena, kemm dak li huwa xogħol fil-każin kif ukoll għal dak li għandu x'jaqsam mal-festa. Jekk ilkoll nibqgħu niġbdu ħabel wieħed, is-suċċess għal futur għandu jkun garantit.

**Nagħlaq dan l-appell tiegħi billi inħeġġeġ lil kulħadd sabiex f'dawn il-jiem tal-festa kulħadd jagħti sehemu kemm f'dak li huwa arbular tal-Festa kif ukoll meta niġu biex narmaw u nżarmaw l-armar. Nifirħu flimkien mingħajr ma ninsew li qegħdin niċċelebraw il-Festa ta' Santa Marija. Lil Imqabbin kollha nawguralhom festa kbira imfawwra b'kull entużjażmu u mħabba li tnissel fina l-Patruna tagħna Santa Marija.**

**Carmel Briffa**
**Kaxxier**



FARELL

BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

FARELL VIDEO CENTRE

Blue Grotto Ave., Żurrieq
Telephone: 822396



# MILL-PINNA TAD-DIRETTUR SPIRITWALI

## MARIJA TRESSAQNA LEJN ALLA

Għalkemm il-festa ta' Santa Marija tiġi darba fis-sena, min igħix tassew ta' Nisrani jħoss il-preżenza ta' Marija "l-imbierka fost in-nisa" fil-ħajja ta' kuljum. Min jaf kemm-il darba kuljum insellmulha: "Sliem għalik, Marija..."? Anzi minn din it-talba minsuġa mill-kliem tal-Vanġelu u tal-Knisja nagħmlu bħal kuruna żgħira biex insellmu lill-Omm ta' Sidna Ġesu' Kristu bil-kliem ta' l-anġlu Gabrijel fil-għodu, f'nofsinhar u fil-għaxija. Id-drawwa tar-reċita ta' l-**"Anġelus"** qalgħet it-tifħir ta' ħafna Papiet u Qaddisin u l-Knisja tfakkarhielna bit-tokki tal-qanpiena l-kbira!

Il-preżenza ta' Marija fostna nġedduha wkoll b'kuruna akbar bir-reċita tar-**Rużarju** fi ħdan il-familja! Waqt li nikkontemplaw il-ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesu' u Ommu Marija minsuġa bil-ferħ, bit-tbatija u bil-glorja, il-familja li titlob ir-Rużarju tkun qiegħda tissaħħaħ fil-għaqda ta' bejnietha u tikseb garanzija mis-sema li tgħin il-membri tal-familja jegħilbu t-twegħir kollu tal-ħajja. Id-drawwa qaddisa tar-Rużarju wkoll ilha s-sekli taqla' tifħir tant li fis-7 ta' Ottubru ssir festa lill-Madonna tar-Rużarju!

It-talb fil-ħajja ta' kuljum hu meħtieġ daqs il-ħobżna li naħdmu għaliha. Fil-mumenti prezzjużi tat-talb aktar nindunaw kemm il-Madonna hija tassew "l-avukata" tagħna, kif ilhom isejħulha ġenerazzjonijiet sħaħ ta' Nsara bis-**"Salve Reġina"**! Dan kollu ġej mill-fatt li Marija għandha post speċjali fil-pjan tas-salvazzjoni mfassal fil-ħajja ta' dejjem. F'dan il-pjan Marija tagħti sehem mill-aqwa bħala Omm Alla u Omm il-knisja, u għalhekk omm ta' kull wieħed u waħda minna.

Fuq dan ftit ilu ktibt bit-titlu "Il-Mara li Alla ħabb"... Niftiehmu sewwa. Alla jħobb lil kull wieħed u waħda minna wisq iżjed milli naħsbu, imma lil Marija ta' Nażaret il-Mulej ħabbha ferm aktar u dan għamlu għall-ġid tagħna. Dan hu s-sigriet li jgħinna nifhmu l-bosta festi u titli li bihom hija mżejna l-Verġni Marija li kisbet l-aqwa ġieħ meta l-Mulej tellagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem u nkurunaha Reġina tal-ħolqien. F'dan immissu l-qofol tal-fidi tagħna.

Madankollu, għal ċerti Nsara, dan kollu qisu m'hux biżżejjed! Jinħlew wisq fuq xi dehriet u sinjali straordinarji, imma hawn ikollna noqogħdu attenti bħalma tagħmel il-Knisja stess biex tapprova dak li hu veru u twarrab dak li m'hux. Il-Madonna nfisha ġie li tinqeda b'dawn is-sinjali biex minn żmien għal ieħor issejħilna għall-indiema u t-talb: **dan hu l-messaġġ tagħha li hu l-messaġġ ta' Binha biex iressaqna lejn Alla Missieru.**

**J.M. Għigo S.J.**

# MILL-ĦAJJA TAL-BANDA

Bla dubju ta' xejn, it-telfa ta' Mro. George Martin A. (Mus) L.C.M., O.S.T.J. kienet ħasda kbira għall-banda tagħna. Aħna li konna naħdmu ferm qrib tiegħu għaddejna minn perjodu ikreh fejn mhux darba jew tnejn konna nistaqsu bħal imbellħa 'l xulxin: "Imma veru s-surmast ma għadux magħna jew qed noħolmu xi waħda minn dawk il-koroh?" Qisna konna għadna nistennewh jitla' għall-kunċert, jgħid it-talba magħna, narawh jaqbad il-bakketta u ....Iżda l-mewt kiefra wisq u ma taħfirha lil ħadd, għalkemm il-mewt ta' kull artist tħalli vojt xi ftit differenti fis-sens illi x-xogħolijiet li jkun ħalla warajh jerġgħu iġegħluk tħoss il-preżenza tiegħu.

Sadanittant, iż-żmien baqa' għaddej u bi sforzi kbar, erġajna bdejna l-kunċerti u ssolitu tagħlim ta' l-alljievi. Fattur importanti illi għen biex il-banda tagħna terġa' taqbad ir-ritmu tagħha kien illi ma kellniex bżonn noqgħodu nfittxu Surmast/Direttur barrani għaliex l-għażla waqgħet awtomatikament fuq l-assistent surmast Mro. A.. Camilleri A. Mus. L.S.M. Nieħdu din l-opportunita' sabiex permezz ta' dan l-artiklu f'isem sħabna l-bandisti, nifirħulu ta' din il-kariga l-ġdida tiegħu u mwegħduh kull appoġġ u l-għajnuna sħiħa tagħna.

Grazzi għas-sehem numeruz tal-bandisti tal-post barra l-kunċerti ta' matul is-sena, il-banda tagħna ħadet sehem fil-funeral ta' Mro. G. Martin nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar li għadda, meta ndaqqu għall-ewwel darba, sett ta' marċi funebri ġodda. Imbagħad, fit-30 ta' Ġunju li għadda, il-banda tagħna għalqet il-festi esterni ad unur San Nikola ġewwa s-Siġġiewi b'marċ brijuż. Ħriġna ta' rġiel u nisperaw li għall-quddiem ikollna aktar servizzi bħal dawn.

It-Tagħlim tal-mużika ma naqas qatt u bis-sagrifiċċju tas-Surmast, mgħejjun mill-ħabrieki s-Sur Leonard Farrugia, ser ikollna tlett bandisti ġodda għall-festa li ġejja. Ma dawn hemm madwar sitt alljievi oħra bl-istrument illi jekk jibqgħu jieħdu l-istudju bis-serjeta' ma ndumux ma narawhom idoqqu magħna wkoll. L-emfasi kif dejjem ngħidu, għandha tkun sabiex il-ġenituri jħossu r-responsabbilta' illi jħeġġu kemm jistgħu lil uliedhom ħalli jattendu l-lezzjonijiet tal-mużika bis-serjeta' li jsiru l-każin b'xejn kull nhar ta' Ħadd fil-għodu, għas-sodisfazzjon tal-ġenituri u l-ġid ta' uliedhom stess. Ftakru illi l-akbar sodisfazzjon li għandu jkollna hu l-ġid kbir li joħroġ permezz tat-tagħlim tal-mużika, iżda li minnu nnifsu, aktar minn kull tagħlim ieħor jitlob impenn sħiħ, determinazzjoni u sagrifiċċju għax huwa arti. Il-bandisti tal-post huma l-mimmi tas-soċjeta' tagħna għax nemmnu li kull wieħed u waħda minna jiswa d-doppju ta' kull bandist barrani li jista jkollna, tajjeb kemm hu tajjeb, għax il-barrani qatt ma jista' jdoqq **għall-qalbu** imqarr daqs l-iċken wieħed fostna. Għaldaqstant, intom ġenituri komplu għinuna nibnu verament, banda tagħna u tkunu qegħdin tieħdu sehem fl-akbar opra li tistgħu tagħmlu m'uliedkom u mas-Soċjeta' tagħna, li għaliha l-banda tiġi l-ewwel u qabel kollox.

Kif qegħdin taraw il-banda titlob impenn sħiħ is-sena kollha. Hemm ħafna affarijiet oħra li nixtiequ nwettqu fiż-żmien li ġej flimkien ma sfidi ġodda li bilfors irridu niffaċċjaw sabiex nibqgħu nikbru, iżda, perswazi li hekk kif taħt it-tmexxija tal-mibki iżda qatt minsi Mro. G. Martin, il-banda tagħna mxiet il-quddiem, hekk ukoll tibqa' sejra taħt Mro. A. Camilleri, li huwa l-iben naturali tal-banda tagħna.

**Il-Kummissjoni Banda**

## IL-BANDA

### ISSEBBAĦ U TKABBAR IL-FESTA

**IL-ĠENITURI HUMA MĦEĠĠA JIBAGĦTU**
**LIL ULIEDHOM IL-KAŻIN TAL-BANDA**
**SABIEX JIĠU MGĦALLMA B'XEJN L-ARTI MUŻIKALI**



Tlett bandisti ġodda mal-Banda tagħna.
Mix-xellug: Marcon Mifsud (Clariniett), Mro. A. Camilleri A. Mus. L.S.M. (Surmast/Direttur u għalliem ta' l-alljievi), Mark Zammit (Trombone) u Nicholas Bonello (Sax Alto).



# St Mary Woodworks

## GĦAMARA FUQ STIL KLASSIKU

- SETTIJIET TAS-SODDA
- SETTIJIET TAL-PRANZU
- SALOTTI
- GRANDFATHER CLOCKS
- SOTTO SPECCHIO
- CHIFFONIERS
- SIDE TABLES
- MONKS BENCHES
- ĠARDINIERI
- POĠĠAMANI

EĊĊ



S.M.W. Cortis, Mdina Road, Żebbuġ. Tel: 466520

## *Cortis Grandfather Clocks*

KOMPLUT



MAGNI
BISS



S.M.W. Cortis, Mdina Road, Żebbuġ. Tel: 466520

# PROFIL TAS-SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA TAGĦNA MRO. ANTHONY CAMILLERI A. MUS. L.S.M.



Maestro Anthony Camilleri (jew kif magħruf fis-Soċjeta' tagħna bħala Twanny) iben Nikol mis-Siġġiewi u Ġoachina nee' Zammit mill-Imqabba, twieled l-Imqabba fit-8 ta' Frar 1965. Huwa rċieva l-edukazzjoni ġenerali tiegħu fl-iskola tal-Gvern u f' "Mt Carmel College" ta' Santa Venera. Wara sentejn fil-Liċeo l-Ġdid ta' l-Imsida, huwa daħal l-Universita' ta' Malta minn fejn, wara ħames snin kiseb bl-unuri l-Baċċellerat fl-Inġinerija Mekkanika (B. Mech. Eng. (Hons.). Preżentament joqgħod l-Imqabba u huwa miżżewweġ lil Louise nee' Camilleri miż-Żurrieq.

Mal-Banda tas-soċjeta' tagħna, huwa għadda mill-istadji kollha għaliex beda bħala alljiev, sar bandist (ħareġ idoqq fil-Festa ta' Santa Marija 1981) kien għal żmien twil delegat tal-banda (kariga li baqa' jżomm sa qabel inħatar Surmast/Direttur kmieni din is-sena) u għal 'l fuq minn sitt snin sħaħ, okkupa l-kariga ta' Assistent Surmsast/Direttur u għalliem ta' l-alljievi. Wara l-mewt ħesrem ta' Maestro George Martin A. (Mus) L.S.M. O.S.T.J., waqt is-seduta tal-Kumitat ta' nhar l-14 ta' Marzu li għadda, ġie maħtur uffiċjalment bħala s-Surmast/ Direttur tal-banda tagħna.

Kif diġa semmejt aktar qabel, huwa ħa l-ewwel tagħlim mużikali tiegħu minn għand l-Assistent Surmast is-Sur Leonard Farugia. Mill-bidu nett huwa wera dik iċ-ċerta ġibda partikulari lejn l-arti mużikali iżda, l-mument importanti f'ħajtu illi qabbdu l-karriera ta' surmast kien meta ġie offrut l-"isponsorship" mill-każin tagħna sabiex jibda jmur għall-lezzjonijiet tat-teorija tal-mużika. Dan seħħ fuq insistenza tas-Sur Leonard Farrugia (illum President Onorarju tas-soċjeta' tagħna iżda illi f'dak iż-żmien kien għadu jokkupa l-kariga ta' President). Għaldaqstant, f'Ottubru ta' l-1983 huwa, b'sagrifiċċju personali kbir għax kien għadu kif daħal l-Universita' beda jattendi għall-lezzjonijiet għand Maestro Dr. Charles Zammit, Ph. D., D. Mus, GLSM, FLCM, FVCM, FCSM. Cert FBCM, Hon FNSCM, FWTC, li lejh anki s-Soċjeta' tagħna għandha tkun ferm grata għall-mod eċċellenti illi bih ħa ħsieb iwassal it-tagħlim u l-formazzjoni mużikali neċessarja, li kinet tinkludi: teorija tal-mużika, armonija, storja tal-mużika, kuntrapont, arranġament, eċċ. Dan wasslu sabiex, wara li għadda mill-eżamijiet kollha, kmieni din is-sena huwa kiseb l-ewel diploma professjonali tiegħu fl-arti mużikali bħala għalliem tat-teorija, armonija, storja tal-mużika eċċ. (A. Mus. L.S.M.) mill-"Lancashire School of Music". Nieħu din l-opportunita' sabiex barra milli nifraħlu pubblikament tas-suċċess f'dawn l-eżamijiet nawguralu aktar għall-futur billi naf li qiegħed jistudja għall-Liċenżjat (L. Mus. L.S.M.).

Mill-pinna mużikali tiegħu, kemm dam Assistent Surmast/Direttur tal-banda tagħna, doqna n-numru sabiħ ta' sitt marċi fosthom l-Innu Marċ Popolari "Ġawhra Mqabbija" li hu kien ikkompona fl-1986 biex jitfakkar egħluq il-150 sena mill-miġja ta' l-Istatwa Artistika ta' Santa Marija fostna l-Imqabbin. Din is-sena, bħala l-ewwel sena surmast tal-banda tagħna, xtaq jirregala **"Innu tal-Banda"** bħala turija ta' apprezzament għal dak kollu li s-Soċjeta' tagħna għamlet miegħu.

Ma baqax ħlief mill-ġdid, f'isem il-President u sħabi l-oħra tal-kumitat, soċji u partitarji nifraħlu tal-ħatra ġdida tiegħu u nawguralu ħalli flimkien mal-Banda Re Ġorġ V, jibqa' jaħdem f'direzzjoni għal żmien twil, għall-ġid mhux biss tas-surmast u s-Soċjeta' Santa Marija imma wkoll għall-ġid ta' l-arti mużikali f'raħalna, u b'mod ġenerali f'Pajjizna.

**Kitba tas-Sur Carmel Briffa**

# PET CARE

**Kull ma trid għall-ġnien u għar-Raba,sustanzi etc.**
**Għall-Pets Mediċini għall-annimali kollha.**
**Ġwies u affartijiet għall-kaċċa, insib u sajd,**
**ħniex ta' Limperjal ta' barra u reels,**
**qasab, snanar u swivels u**
**kaxxa tal-plastic tas-sajd etc.**
**Lanza, spag tan-nar, nasses u dqiq tal-ful etc.**

**QRENDI ROAD,**
**ŻURRIEQ**
**TEL: 828727**



# SETT TA' MARĊI LI SER JINDAQQU MILL-BANDA RE ĠORĠ V FIL-FESTA TITULARI TA' SANTA MARIJA LI SSIR ĠEWWA L-IMQABBA

| ISEM TAL-MARĊ | IRREGALAT MINN | KOMPOŻITUR |
|---|---|---|
| Ommna Marija | G. Martin | Mro. G. Martin |
| Tiananmen Sqr. 4/6/89 | M. Ghigo | Mro. A. Camilleri |
| Is- Sala l-Ġdida | A. Farrugia | Mro. A. Farrugia |
| Farell | L. Farrugia | L. Farrugia |
| Niċċa Artistika | J. Camilleri | Maj. A. Aquilina |
| Omm l-Ommijiet | A. Camilleri | Mro. A. Camilleri |
| Sultana tas-Sema | J. Camilleri | Mro. J. Cuschieri |
| Super Fireworks | P. Farrugia | Mro. E. Bugeja |
| Kuntentizza | G. Martin | Mro. G. Martin |
| Marija Assunta (Innu Marċ) | L. Farrugia | L. Farrugia |

**N.B. Dawn l-għaxar Marċi ġew irrekordjati għand Boffa Ltd.**

| | | |
|---|---|---|
| Charmaine | C. Briffa | Mro. A. Camilleri |
| Whisky Galore | R. Camilleri & A..Żahra | Mro. A. Coleiro |
| Għaxqa t'Armar | P. Farrugia | Mro. E. Bugeja |

## MARĊI POPOLARI

| | | |
|---|---|---|
| Agrigento | I. Camilleri | Mro. A. Coleiro |
| Ġawhra Imqabbija | A. Camilleri | Mro. A. Camilleri |
| La Vincitrice | V. Galea | Mro. A. Coleiro |
| Ta' Gori | J. Galea | Mro. A. Mizzi |

**Ma dan is-sett varjat ta' marċi, din is-sena, il-Banda tagħna ser iżżanżan INNU TAL-BANDA ġdid, kompożizzjoni tas-Surmast/Direttur Mro. A. Camilleri A. Mus. L.S.M.**

## PROGRAMM MUŻIKALI

**Li ser jiġi esegwit nhar il-Ħadd, 11 ta' Awissu 1991**

| | | |
|---|---|---|
| Fantasia | Moments Romantique | G. Martin |
| Marcia Sinfonica | Marialita | S. Pucci |
| Meditation | Ave Maria | Bach-Gounod |
| Sinfonia | L'Italiana in Algeri | G. Rossini |
| Innu | Banda Re Ġorġ V | A. Camilleri |
| Innu | Malti | R. Sammut |

**Mro. A. Camilleri A. Mus. L.S.M., Surmast/Direttur.**

# X'SER INŻANŻNU FIL-KAŻIN ?

Il-Każin huwa d-dar tagħna u bħal kull dar oħra, minn żmien għall-ieħor, ikun jeħtieġ il-manutenzjoni u fuq kollox li nżidu fih xi għamara u opri oħra sabiex inkomplu nsebbħu dak li bl-għaraq ta' ġbinhom ħadmu għalih u ħallewlna ta' qabilna.

Wara illi l-ħadid tal-gallerija ġie rrestawrat, grazzi għall-membru ħabrieki is-Sur Albert Farrugia, inbeda' x-xogħol ta' żebgħa tas-sular t'isfel kollu. Il-Kamra tal-kumitat ħadet dehra oħra wara illi xtrajna "Wall Unit" kbira u spazjuża. Fl-istess żmien, saru l-purtelli tal-bieb ta' l-istess kamra u l-bieb ta' faċċata, dak li jagħti għall-kamra tat-televiżjoni - kollox tal-kewkba. Ta' dan kollu, grazzi lil kull min ta' sehemu u nfakkru illi kull donazzjoni hija ferm apprezzata.

Iżda, bla dubju ta' xejn, **iż-żewġ armi ġodda** fuq il-faċċata tal-Każin illi ser jiżżanżnu għall-Festa li ġejja, huma fuq fomm kulħadd. Għal żmien twil kienu ilhom maħsubin, sa mill-bini tal-każin, iżda qatt daqs illum ma kien feġġ mument daqshekk opportun. Dan għaliex kien bl-għajnuna finanzjarja ta' l-aħwa Ellul ( ta' Katrinu), benefatturi kbar tas-Soċjeta' tagħna flimkien mal-majestrija ta' l-iskultur żgħażugħ is-sur Lawrence Attard illi l-ħolma tagħna u ta' missirijietna setgħet illum isseħħ. L-armi ser ikunu jirrappreżentaw żewġ titli mil-Litanija tal-Madonna: "Santa Maria" u "Mater Inviolata", sabiex flimkien ma' l-arma tal-banda, li tinstab fin-nofs, jispjegaw l-iskop u l-għanijiet li għalihom twaqqfet is-Soċjeta' tagħna fl-1910: li norganiżżaw u nieħdu ħsieb il-Festa ta' Santa Marija, festa Titulari ġewwa l-Imqabba flimkien mat-tixrid ta' l-edukazzjoni mużikali ġewwa l-istess raħal. Ma baqax ħlief illi nirringrazzjaw pubblikament lill-aħwa Ellul ta' dan il-ġest hekk sabiħ, filwaqt illi nistiednu lil kulħadd sabiex nhar l-10 ta' Awissu qabel ir-riċeviment annwali għas-soċji, benefatturi u partitarji nisa u rġiel kollha, nassistu għall-kxif uffiċjali tagħhom.

Barra minn hekk, il-President is-Sur Carmel Zahra ser jirregala sett ta' sitt "portraits" maħdumin bil-lapes, ta' Kompożituri tal-mużika għal ġos-sala tal-kunċerti. Ix-xogħol fuqhom sar mis-Sur Keith Sciberras, tifel ta' partitarju tas-soċjeta' tagħna fil-waqt illi l-ispejjes kollha ġew imħallsin mis-Sur Zahra nnifsu. Prosit u grazzi, f'isem is-soċjeta' kollha.

Fl-aħħar nett, iżda mhux l-anqas il-Fergħa tan-Nisa ħadet ħsieb illi permezz ta' parti mill-profiti li jibqa' mill-attivitajiet soċjali illi jorganiżżaw matul is-sena, isiru sett inkwadri ta' Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, sabiex jitwaħħlu fit-taraġ. Ta' dan, u tas-sagrifiċċji li jagħmlu matul is-sena kollha ħaqqhom altru minn sempliċi ringrazzjament.

Kif qegħdin taraw, sar ħafna xogħol illi ħoloq interess ġdid fis-Soċjeta' tagħna. Din hija t-triq li rridu nkomplu nsegwu ħalli dak kollu li hu ta' ġid u li jista' b'xi mod ikompli jsebbaħ lil darna jsir realta'. Mill-ġdid grazzi ħafna, speċjalment lill-benefatturi illi flimkien mas-Soċji u partitarji nisa u rġiel ħadmu id f'id mal-Kumitat u taw kull għajnuna meħtieġa, sew finanzjarja kif ukoll materjali, fit-twettiq ta' dan kollu. J'Alla nibqgħu sejrin hekk!



Il-bravu Skultur żgħażugħ is-Sur Lawrence Attard waqt il-fażi mix-xogħol.



Il-"Wall Unit" ġdida li inxtrat għall-kamra tal-Kumitat.




# ANDREWS FEEDS (MALTA) LTD.

Taħlita ta' ċereali, ful u żrieragħ ta' kwalità maħsuba biex iżżomm il-ħamiem f'saħħtu u f'kundizzjoni tajjeb, tagħti dik l-enerġija u dawk is-sustanzi meħtieġa kemm waqt it-tiġrija fit-taħlita magħrufa bħala HOMEFIRST kif ukoll fit-trobbija fit-taħlita magħrufa bħala HOMEBRED.

**ANDREWS FEEDS (MALTA) LTD**
PROVENDER MILLERS
VALLETTA ROAD, LUQA.
Tel:236970 - 241735 - 243492 - 247202

Roc~A~Go Crane Services

CRANE & LIFTING SPECIALISTS
24 HOUR TOWING & LIFTING SERVICE
USED COMMERCIAL VEHICLES & SPARES
CAR BREAKERS

(Prop. V. MICALLEF)

*TAL-BARRANI ROAD, ZEJTUN.*

Tel: 801362
Fax: 781449
Res: 816172
Mobil 0993040

KRISTIANNE

*MATTIA PRETI SQR., ŻURRIEQ*

**Stockists:**

- ❒ Household Goods
- ❒ Perfumes
- ❒ Cosmetics
- ❒ Baby Foods
- ❒ Everything for Mother-to-be and New Born, etc.

**Tel: 827391**

FRIZOLL

MANUFACTURERS OF COMMERCIAL REFRIGERATION
BAR COUNTERS & COLD ROOMS
REFRIGERATION EQUIPMENT
PAOLA HILL
PAOLA

FOR ESTIMATES & MAINTENANCE PHONE: 806866/824388



# L-ISQOF PAOLO ALPHERAN DE BUSSAN FL-IMQABBA

L-ewwel deskrizzjoni tal-knejjes u l-kappelli ta' dawn il-gżejjer nistgħu neħduha mir-rapport tal-vista pastorali li kien għamel il-Viżitatur Ġenerali Monsijur Pietro Duzina fl-1575.

Wara din iż-żjara, l-Isqfijiet kollha ta' Malta żaru l-knejjes ta' Malta u Għawdex diversi drabi, u ħallewlna kull darba rapport dettaljat ta' dak kollu li sabu.

Għalhekk permezz ta' dawn il-visti aħna nistgħu nieħdu stampa ċara tal-qagħda soċjali u reliġjuża ta' dawn il-gżejjer. Dawn ir-rapporti jgħinuna wkoll biex jagħtuna ritratt ta' kif kienu il-knejjes tagħna, x'kellhom armat ġewwa fihom u ħafna dettalji oħra.

F'dawn ir-rapporti l-istudjuż u dawk li jħobbu l-istorja għandhom minjiera ta' tagħrif siewi. Din is-sena aħna se naraw flimkien ir-rapport tal-vista li kien għamel l-Isqof ta' Malta Monsinjur Paolo Alpheran De Bussan. Dan l-Isqof ma kienx Malti, iżda ħabb ħafna d-djoċesi ta' Malta. Ħadem ħafna f'Malta. Kien bniedem għaref u ta' kultura profonda. Kien bniedem għalhekk li jinteressa ruħu ħafna u għalhekk ukoll ma jonqosx li dan ir-rapport huwa dettaljat ħafna u hu twil u se naqsmu din il-kitba f'darbtejn. L-ewwel parti se narawha din is-sena.

L-Isqof Alpheran wasal l-Imqabba akkumpanjat minn Monsinjur Adrianus Gurgion, Vigarju Ġenerali u Locum Tenens is-26 ta' Settembru 1745. Hu kien għadu kemm temm il-vista pastorali tiegħu f'Ħal Kirkop, u akkumpanjat minn Tommaso Montana u xi membri tal-familja tiegħu wasal l-Imqabba kmieni filgħodu. Hu ġie milqugħ mill-kappillan Dun Ġużepp Pawl Zammit u membri oħra tal-kleru tar-raħal, u baqa' sejjer fid-dar ta' Ġiovanni Schembri.

Il-qniepen tar-raħal daqqew mota ta' ferħ, biex jistiednu lill- fidili jinġabru fil-knisja ta' Santa Marija. Il-kappillan Dun Ġużepp Pawl Zammit liebes l-ispelizza u l-istola laqa' lil Isqof fil-bieb u malli l-Isqof daħal fil-knisja tah l-asperges u bierek lil miġemgħa miġbura fil-knisja. Akkumpanjat mill-kleru, l-Isqof baqa' tiela fuq il-presbiterju. Tkantat l-antifona ta' Santa Marija, u wara l-kappillan u l-kleru resqu lejn l-Isqof u taw l-ubbidjenza tagħhom lil Isqof billi telgħu jbusu id l-Isqof wara li dawn ġew imsejħa mill-kanċellier.

Wara li spiċċa dan l-att, tkantat it-Terza u l-kappillan Zammit iċċelebra l-quddiesa parrokkjali li fiha l-kappillan tal-Qrendi Dun Ġakbu Berti għamel l-omelija ta' l-okkażjoni. Dan il-kappillan, flimkien mall-kappillan tal-Gudja, Dun Pawl Balzan mexxew tmient ijiem priedki bħala missjoni ta' tħejjija għan-nies tar-raħal, qabel din iż-żjara pastorali. Wara, il-Kanċellier, Dun Dumink Falzon, qara bil-Malti d-digriet tal-vista.

Fl-offertorju, l-Isqof ġie inċensat tlett darbiet mid-djaknu u fl-Agnus Dei is-suddjaknu tah ukoll il-paċi. Wara li spiċċat il-quddiesa, l-Isqof biddel il-paramenti, u libes il-paramenti suwed u ta l-assoluzzjoni lil mejtin skond il-Pontifikal Ruman. L-Isqof ta bidu biex jibda jara l-ħwejjeġ ta' din il-knisja. Hu beda mit-tabernaklu mqaddes. Fih kien hemm żewġ pissidijiet. L-akbar wieħed kien tal-fidda, iżda l-għatu tiegħu kien indurat. Iż-żgħir kien jintuża għat-tqarbin tal-morda u kien ukoll tal-fidda iżda l-għatu indurat. It-tabernaklu kellu kuperċ ta' l-injam indurat. Hu ra wkoll l-ostensorju ġdid li kien jintuża għall-espożizzjoni tal-Ewkaristija. Dan l-ostensorju kellu disinn elaborat u kien tal-fidda. It-tabernaklu minn ġewwa kien miksi bil-ħarir aħmar, u ż-żewġ pissidijiet kienu mqegħda fuq korporal abjad. L-Isqof Alpheran ikkumenta wkoll fuq iċ-ċavetta ta' l-istess tabernaklu li din kienet tal-fidda u miżmuma mill-kappillan. Għall-osservazzjoni li għamel l-Isqof dwar it-Tqarbin, il-kappillan wieġeb li hu jimxi skond ir-rubriki tal-Knisja u l-Pontifikal Ruman. Wara l-Isqof qarben numru ta' fidili.

L-Isqof imbagħad għadda biex jara l-Battisteru li kien ħdejn il-bieb maġġur. Il-kuperċ tiegħu kien magħmul mill-injam u minn ġewwa kien miksi bil-ħarir abjad u fih kien hemm xbieha ta' San Ġwann il-Batista jgħammed lil Kristu. Il-friskatur kien tal-fidda, u miegħu kien hemm bieqja bil-melħ u kuċċarun. L-Isqof osserva li l-kuperċ ta' fuq il-battisteru kellu bżonn tindifa. Hu ra wkoll is-sacrarium li kien ħdejn dan il-battisteru u osserva li dan kien miżmum nadif. Hu ra wkoll iż-żjut mqaddsa, li jintużaw fl-amministrazzjoni tas-sagramenti mqaddsa. L-Isqof imbagħad għadda biex jinvista l-artal maġġur li kien jinsab taħt koppla kbira. Hu kien mgħolli fuq żewġ tarġiet u kien imżejjen b'żewġ skanelli indurati. It-tabernaklu kien fin-nofs tiegħu mat-tieni skanell. Fuq l-artal kien hemm ukoll it-tużell tad-damask aħmar. Fuq l-ewwel skanell kien hemm ukoll il-gandlieri. Quddiem dan l-artal kien hemm il-lampier.

L-Isqof hawnhekk jgħaddi biex isemmi l-festa titulari ta' Santa Marija li din kienet tiġi ċċelebrata kull sena fil-15 ta' Awissu bil-kant ta' l-ewwel u t-tieni Għasar. Nhar il-festa kienet tiġi ċċelbrata quddiesa solenni u ssir ukoll purċissjoni bix-xbieha tal-Madonna. F'dan ir-rapport, insibu hawnhekk lista ta' quddies imħollija biex jitqaddsu fi ġranet differenti ta' matul is-sena. Fost dawn insibu n-novena tal-Milied li din ġiet imħollija minn Anġelina Spiteri fl-atti tan-nutar Andrea Madiona tas-17 ta' April 1668. Hu jsemmi wkoll il-fratellanza tas-S.Smu. Sagrament li kellha rabta speċjali ma' dan l-artal. Din kull sena kienet tiċċelebra il-festa ta' Corpus Domini bil-kant ta' l-ewwel u t-tieni Għasar, b'quddiesa kantata u purċissjoni madwar ir-raħal. Din il-fratellanza kienet ukoll tiċċelebra kull sena żewġ anniversarji għall-membri mejtin tagħha. Dawn kienu jsiru f'Mejju u Settembru.

L-Isqof imbagħad ra l-artal tal-kor. Dan kien imgħolli fuq żewġ tarġiet u dan kien imdawwar bi prospettiva sabiħa imżejna b'erba' kolonni. Il-pittura tal-kwadru titulari kienet tirrappreżenta lil Marija Assunta u din kienet imdawra bi ġwarniċ indurat. Fuqha kien hemm pittura oħra li tirrappreżenta lis-Santissima Trinita'.

Quddiem dan l-artal kien hemm mixgħul ukoll il-lampier li dan kien jinxtegħel is-Sibtijiet, il-Ħdud u fil-Festi tal-Preċett u l-ispejjes kienet toħroġhom il-Veneranda Lampade.

**19 ta' Ġunju 1991**
**Toni Terribile (Sliema)**


SABA
SABA®
BUFFA LTD.
HEAD OFFICE: 19, PAOLA SQUARE, PAOLA. Tel.: 827733
BRANCHES: 148, PAOLA SQAURE, PAOLA. Fax: 821557
10, CITY GATE, VALLETTA. Tel.: 226480
Sole Agents for: SABA TV, RADIOS, Hi-Fi & VIDEO EQUIPMENT
AND BESSON & BUFFET, CRAMPON SERIES
BESSON
LONDON
BUFFET
Crampon
PARIS
R. Lucsold
W. Schreiber

# LINDA STORES

**Mons. P.P. Saydon Str., Żurrieq**

**Tel: 827215**

***Prop. P. Cardona***

**Għal dak li tiġi bżonn biex tarma darek,**
**l-ewwel asal wasla sa LINDA STORES - Żurrieq**

**hemm issibu:**

**Varjeta' ta' Linef tal-Kristall u tal-Bronze**
**Stock varjat ta' Fridges - Cookers - Washing Machines**
**Mixers - Videos & Colour Televisons.**
**Minbarra ħafna rigali sbieħ u oġġetti oħra.**
**Kollox bi prezzijiet imraħħsa**
**Ħlas bin-nifs aċċettat.**

# JULIO & CHARLIE SACCO

QRENDI ROAD, MQABBA
Tel: 683129
JAWGURAW
IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD
U JFAKKRU LI HUMA JAGĦMLU

**Xogħol fl-Injam ta' Kwalità Għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**

*Marjella Brincat*

Specialising in flower arrangement
preparation of bridal bouquets & for all
other occasions

*Fresh or artificial flowers.*

70, St. Catherine Str.,
Mqabba.

Tel: 683311

# ARMAR ĠDID GĦALL-FESTA TA' SANTA MARIJA 1991

Is-sena l-oħra, kull min żar ir-raħal tagħna fil-jiem li fihom tiġi ċċelebrata l-festa titulari ta' raħalna, baqa' mistagħġeb kif fi ftit snin irnexxielna nibdlu kompletament id-dehra tal-Pjazza tal-Knisja f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-armar u d-drapp. Biż-żjieda ta' l-erba' trofini kompluti bil-bandalori flimkien mal-kuruna ta' quddiem il-knisja, nistgħu ngħidu illi l-armar tal-pjazza ingħaqad u sar ħaġa waħda integrali.

B'dana kollu ma jfissirx illi nistgħu noqgħodu b'idejna fuq żaqqna għax ma jonqosna xejn: altru minn hekk, tant li minn din is-sena stess ser nibdew inżidu aktar opri ġodda. Bla dubju ta' xejn, kienet ideja tajba ħafna illi l-ewwel m'għandu jsir huwa pedestall sabiex fuqu tkun tista' tittella' statwa li tkun tirrappreżenta lil Papa Piju XII, il-Papa li għandu rabta speċjali ħafna mal-festa tagħna għaliex kien hu li fl-1 ta' Novembru 1950 mar jipproklama bħala Domma ta' Fidi it-tlugħ fis-sema ta' Sidtna Marija.

Wara ħafna ħsieb u ġiri 'l hawn u 'l hinn, ix-xogħol fuq l-istatwa tħalla f'idejn l-artist Tarxieniż, is-sur Renzo Gauci, illi ħa ħsieb id-disinn ukoll sabiex jippareġja mal-pedestall ta' taħtu. Fil-fatt, dan ta' l-aħħar kien l-akbar biċċa uġiegħ ta' ras iżda meta daħal għalih il-membru tas-Soċjeta' tagħna is-Sur Paul Mifsud,serraħna moħħna għax nafu xogħolu x'isarraf u barra minn hekk huwa partitarju ħabrieki. Fuq disinn tas-Sur Mifsud innifsu, ix-xogħol inbeda hekk kif għaddiet il-festa 1990. B'determinazzjoni u sagrifiċċju kbir, mgħejjun minn soċji oħra, għal din is-sena ser ikun lesta l-parti ta' l-injam, biex il-quddiem inkunu nistgħu niżbgħuh mingħajr għaġla u kif jixraq. Ta' dan kollu, is-soċjeta' hija ferm grata lejh u lejn dawk kollha li għenuh imqarr bl-iċken ideja jew b'daqqa ta' martell, sabiex iwettaq din l-opra hekk artistika. Sehem importanti ieħor sabiex din il-ħolma tagħna saret realta' ingħata mill-benefattur kbir tagħna, l-President Onorarju u Ex-President tas-soċjeta' tagħna is-Sur Joseph Farrugia, illi daħal għall-ispejjez kollha li nħarġu biex sar il-pedestall. Grazzi ħafna u prosit ta' dan il-ġest hekk sabiħ.

Rigward id-drapp, wara li tlesta dak tal-pjazza kollu, inbeda sett bandalori, li ser ikomplu jirrappreżentaw titli mil-litanija tal-Madonna, għal Tiriq Karmenu Ċiantar. Dawn qed jinħietu minn nisa tas-Soċjeta', fuq disin u tfassil tas-Sinjuri Paul Gauci u Michael Ghigo. L-isfumar tħalla f'idejn is-Sur Francis Vella. Ma' dan ix-xogħol, l-istess grupp ta' nisa qed jaħdmu fuq sett pavaljuni ġodda, disinn tas-sinjuri Antwan Abdilla u Paul Gauci, għal Triq San Bażilju. L-istess grupp ta' partitarji lesta wkoll il-kukkardi kollha għall-bandieri tat-trofej. Is-soċjeta' hija ferm kburija b'dawn il-partitarji u soċji, għaliex barra milli jissagrifikaw il-ħin liberu tagħhom, qed jgħinu ħafna fit-tkabbir tal-festa tant għażiża għalina. Ma rridux ninsew ix-xogħol siewi li qed isir mis-sur Peter Psaila biex il-festuni tat-toroq ikunu tagħna u narmawhom aħna stess.Dan kollu jimliena b'aktar kuraġġ għall-ġejjieni ħalli nkomplu fil-ħidma tagħna, aktar meta x-xogħol qed isir bil-qalb mill-parititarji tagħna stess.

Hemm aktar xogħol illi sar minn wara l-kwinti, kif ukoll xogħol ieħor illi fi ħsiebna nwettqu. Iżda issa ma baqalna xejn ħlief illi, fil-waqt illi nerġgħu nirringrazzjaw lil kull min ta sehemu finanzjarjament kif ukoll materjalmet, nistiednu lil kulħadd sabiex jiġi jara u japprezza x-xogħol kollu li twettaq matul din is-sena. **Għal darb'oħra l-armar ser ikun attrazzjoni prinċipali fil-festa tagħna.**

**Il-Kummissjoni Armar**



Il-membru ħabrieki is-Sur Paul Mifsud waqt ix-xogħol fuq il-pedestall tal-Papa Piju XII. Miegħu jidhru wkoll xi membri oħra jagħtuh daqqa t'id.


# MQABBA RADIATORS

TRIQ IS-SALJATURA,
MQABBA

*GĦAL TISWIJA U BEJGĦ*

*TA' KULL TIP TA' RADIATORS*

*XOGĦOL GARANTIT*

*MATERJAL TA' KWALITÁ*

*PREZZIJIET MILL-IRĦAS*



# IL-FESTA POPOLARI TA' SANTA MARIJA FL-AWSTRALJA

Qegħidn nippublikaw ittra li bagħtulna ħutna l-Emigranti f'Melbourne, l-Awstralja, flimkien ma xi ritratti li juru l-Istatwa ta' Santa Marija u l-Purċissjoni. Nieħdu din l-opportunita' biex nirringrazzjawhom mill-qalb ta' dan il-ġest sabiħ li juri biċ-ċar illi għalkemm ferm il-bogħod minn art twelidhom, żammew xorta waħda t-tradizzjonijiet tagħna l-Maltin u fuq kollox l-imħabba lejn Ommna Marija mtella' s-Sema.
Prosit tassew!

## ST. MARY THE ASSUMPTION SOCIETY INCORPORATED

**Please address all correspondence to the" Secretary" P.O. Box 308 St. Albans 3021**

**1 ta' Mejju 1991**

Kien il-Ħadd, 18 ta' Novembru 1984, meta fil-knisja ta' "St. Martin De Porres" f'"Laverton", ġiet iċċelebrata, għall-ewwel darba, l-festa ta' Santa Marija Assunta. Kienet atmosfera sabiħa għalina l-emigranti Marjani, u għal dawk kollha li attendew, kienet lejla ferrieħa, brijuża u l-bidu ta' Ċelebrazzjoni, ad unur il-Patruna Tagħna, Santa Marija Assunta.
Fis-sena 1985, is-"suburb" inbidel u ġiet iċċelebrata fil-knisja tas-"Sacred Heart", f'"St. Albans", fejn hemm maġġoranza kbira ta' Maltin u Għawdxin. Kienet tiġi ċċelebrata fl-ewwel Ħadd ta' Settembru, iżda minħabba ċirkostanzi varji bħall-maltemp (għax ikun l-aqwa tax-Xitwa) u l-purċissjoni ma toħroġx jew tinzerta mal-"Father's Day" eċċ, kellna nħarsu lejn Ħdud oħra. Sibna li l-aħħar Ħadd ta' Lulju kien vakanti u fl-istess ħin qrib il-Kwindiċina u għaldaqstant tlabna lill-Kunsill Malti u lill-Kappillan tas-"Sacred Heart" sabiex tibda tiġi ċċelebrata f'dak il-jum. Fl-1989 saret f'Lulju u din is-sena 1991, sejra tiġi ċċelebrata fl-istess Knisja, bil-programm ikun hekk kif ġej:

| | |
|---|---|
| Nhar il-Ġimgħa 26 ta' Lulju, | Ħruġ il-Vara |
| Nhar is-Sibt 27 ta' Lulju | Dinner Dance |
| Nhar il-Ħadd 28 ta' Lulju, | Jum il-Festa: Quddiesa Solenni, Purċissjoni u Concert fil-"Hall" fejn ikun hemm bħall-ballu ieħor, u egħluq il-festa. |

Matul is-sena, norganizzaw ħafna attivitajiet bħal "Pokie Trips", "Weekend Trips", "Christmas Party" għall-membri, "Mother's Day Dinner Dance" u oħrajn.
Fil-1990, waqt il-vaganza tagħna f'Malta, irnexxieli niltaqa' ma' membri tal-Kumitat u wara li ntroduċejna, saru diskussjonijiet u wara anki ddeċidejna li jibqa' jkun hemm korrispondenza bejnietna permezz illi:

1. Din l-ittra ta' l-Emigranti tiġi ppublikata fil-Ktieb tal-Programm tal-Festa;
2. Tagħtu l-indirizz t'hawn fuq lil emigranti oħra li jiġu minnkom, jew ħbieb oħra tagħkom f'Melbourne, sabiex aħna nkunu nistgħu nibgħatulhom il-programm tagħna, ħalli jingħaqdu magħna fil-jiem tal-Festa u b'hekk inkomplu nkabbru d-devozzjoni lejn il-Patruna tagħna Santa Marija Assunta.

Jiena l-President, f'isem is-soċjeta' , sħabi tal-Kumitat u l-membri ta' l-Għaqda "St. Mary the Assumption Society Incorporated" f'Melbourne nibagħtu x-Xewqat tagħna li ngħaddu Festa ad unur l-Assunta b'hena, b'barka, bi sliem u paċi.

Dejjem tagħkom,
**President Joseph Magro**
**VIVA SANTA MARIJA ASSUNTA**



L-Istatwa sabiħa ta' Santa Marija, xogħol l-Imqabbi Nazzareno Baldacchino



Mument waqt il-purċisjoni mid-devoyi emigranti Marjani.

## INNU MARĊ
## JITKANTA MAT-TRIO TAL-MARĊ
## "WHISKY GALORE"

X'Festa Kbira,
Ġo l-Imqabba,
Aħna llum niċċelebraw!

B'Ġieh u qima,
Lil **ASSUNTA**,
Ġo raħalna t-titular :

Bandalori,
w Pavaljuni,
Nar ta' l-art u tal-kulur,

B'sehem il-Banda,
Re Ġorġ V,
Din tagħmlilna kull unur.

**27/6/90** **TWANNY CAMILLERI**


Gelandia®
ice cream
The refreshing traditional Italian Ice Cream with high nutritional value.
Available in a variety of delicious flavours
Gelandia®
the best for the family



Dehra ġenerali tal-knisja Parrokjali ta' l-Imqabba, armata minn ġewwa għall-Festa Titulari ta' Santa Marija

## PROGRAMM FESTA SANT

# FESTI TA' ĠOL-KNISJA

### IT-TLIETA 30 TA' LULJU - FTUĦ TAL-KWINDIĊINA

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### IL-ĠIMGĦA 9 TA' AWISSU - ĦRUĠ TA' L-ISTATWA

7.30 p.m. Ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija. Kant ta' l-Innu AVE MARIS STELLA u Antifona.

### IL-ĦADD 11 TA' AWISSU - L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

6.30 p.m. Qudiesa Kantata mill-Kan. Ġużepp Mifsud Bonnici bl-omelija "Marija Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u bil-Ġisem".

7.15 p.m. Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### IT-TNEJN 12 TA' AWISSU - IT-TIENI JUM TAT-TRIDU

8.15 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata mill-W.R. Mons. Alwiġ Deguara bl-Omelija "Marija, Sultana tas-Sema u l-art".

7.15 p.m. Bħall- jum ta' qabel.

### IT-TLIETA 13 TA' AWISSU - IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Speċjali għall-Morda u l-Anzjani mill-W.R. Mons. Innoċenz Borġ bl-Omelija "Marija Saħħa tal-Morda". Fl-istess Quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dlik tal-Morda.

7.45 p.m. Bħall-jum ta' qabel.

### L-ERBGĦA 14 TA' AWISSU - LEJLIET IL-FESTA

8.15 a.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-W.R. Dun Willie Vella, Kappillan tal-Parroċċa. Kant tat-Te Deum, Innu u Antifona.

6.30 p.m. Transulazzjoni Solenni tar-Relikwija mmexxija mill-W.R. Mons Ġużepp Dalmas. Quddiesa Solenni minn P. Joseph Ghigo, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

### IL-ĦAMIS 15 TA' AWISSU - JUM IL-FESTA

5.30 a.m. u 7.00 p.m. Quddies

8.00 a.m. Kant Solenni tal-Lawdi.

9.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni u Pontifikal immexxija mill-W.R. Mons. Ġużepp Dalmas li jinseġ ukoll il-Paniġirku.

10.30 a.m., 11.30 a.m., 12.30 p.m. Quddies

6.00 p.m. Sekondi Vespri Soleni mill-W.R. Mons. Ġużepp Dalmas, Salve u Litanija.

7.30 p.m. Proċessjoni bl-Istatwa artistika tal-patruna tal-Parroċċa mmexxija mill-istess Monsinjur.

10.15 p.m. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B. (1) L-Erbgħa lejliet il-Festa, fil-għodu u fil-għaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar.

(2) Il-Mużika tat-Tridu, lejliet u nhar il-Festa, tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-W.R. Patri Salv Galea O.P.

### IL-ĦAMIS 22 TA' AWISSU - L-OTTAVA TAL-FESTA

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, Te Deum u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

# MARIJA - MQABBA 1991

## FESTI TA' BARRA

**-Tlieta, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina**

.30 p.m. Mixgħela tal-faċċata tal -knisja u tal-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Il-Band Re Ġorġ V taħt it-tmexxija tas-Surmast/Direttur tagħha Mro. A. Camilleri A. Mus. L.S.M., tesegwixxi Programm ta' Marċi fil-pjazza tal-Knisja, quddiem il-Każin. Wara ikun hemm riċeviment il-Każin ad unur tas-Surmast il-ġdid tal-Banda tagħna.

**Fil-ġranet tal-Kwindiċina.**

.00 p.m. Mixgħela tal-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**-Ġimgħa 9 ta' Awissu - Ħruġ ta' l-Istatwa.**

.30 p.m. Toħroġ l-Istatwa Artistika ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, li tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid- daqq ta' l-"Ave Maria" u bl-Innu Marċi.Wara l-istess Banda, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Camilleri A. Mus. L.S.M. tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'sett ta' marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk: Triq il- Parroċċa, Valletta, il-Karmnu, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, Triq Karmenu Ciantar, Santa Katerina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katerina sal-Pjazza tal-Knisja.

**s-Sibt 10 ta' Awissu**

.00 p.m. Il-President tas-soċjeta', is-Sur Carmel Zahra, jikxef uffiċjalment iż-żewġ armi ġodda li saru ma faċċata tal-Każin. Wara illi jiġu imbierka mill-W.R. Dun Willie Vella, Kappillan tal-Parroċċa, isir riċeviment fis-Sala tal-Każin u li għaliħ huma mistiedna is-Soċji, Partitarji u Benefatturi nisa u rġiel kollha.

**-Ħadd 11 ta' Awissu - L-ewwel Jum tat-Tridu**

.15 p.m. Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni tas-Surmast/Direttur tagħha Mro. A. Camilleri A. Mus. L.S.M. iddoqq l-Innu tal-Banda, Kompożizzjoni ta' l-istess Surmast, quddiem il-Każin, u wara tkompli tferraħ dawn it-toroq li ġejjin b'sett ta' marċi brijużi: San Bażilju, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa u jispiċċa fil-Pjazza tal- Knisja quddiem il-Każin,fejn wara l-istess Banda, taħt it-tmexxija tas-surmast Diret tur tagħha, tesegwixxi l-Programm Mużikali.

**-Tnejn 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**

.15 p.m. Il-Banda "Maria Mater Gratiae" ta' Ħaz-Żabbar, taħt it-tmexxija ta' Mro. Raymond Sciberras L(Mus) L.C.M., tagħmel marċ li jibda minn Dawret l-Imqabba u jkompli hekk kif ġej: Triq Ħal-Kirkop, Dawret l-Imqabba, Triq il-Murselli, Ħal-Kirkop, Diamond Jubilee Square, Tirq is-Sejba, Troll, Mitħna, Santa Katarina, Santa Marija, iċ-Ċavi, il-Kileb, Mikiel Anġ. Sapiano, Sqaq l-Isptar għall-Pjazza, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jispiċċa l-Pjazza quddiem il-Każin.

**-Tlieta 13 ta' Awissu - L-aħħar Jum tat-Tridu**

.30 p.m. Il-Banda Re Ġorġ V taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Camilleri A. Mus. L.S.M. tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha, fost il-briju kbir tal-Partitarji. Il-marċ jibda' minn Triq il-Parroċċa, għall- Pjazza, fejn il-Kappillan tal-Parroċċa l-W.R. Willie Vella ibierek Statwa ġdida tal-Papa Piju XII, il-Papa tad-Domma ta' l-Assunzjoni ta' Sidtna Marija. Wara illi tittella' fuq il-Pedestall ġdid ukoll, il-marċ ikompli għal Triq San Bażilju u jispiċċa quddiem il-Każin tas-soċjeta' tagħna.

**-Erbgħa 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa**

.00 p.m. Marċ mill-Banda Unjoni ta' Ħal-Luqa, taħt it-tmexxija ta' Mro. Dr. Charles Zammit, illi jgħaddi hekk kif ġej: Triq il-Pal, Troll, Santa Katarina, Pjazza tal-Knisja, Triq id-Duluri, Valletta, Il-Karmnu għall- Pjazza.

.00 p.m. Marċ mill-Banda "Queen Victoria" taż-Żurrieq illi jibda minn Triq il-Parroċċa sal-Pjazza tal-knisja quddiem il-Każin, fejn wara, taħt id-direzzjoni tas-surmast A. Farrugia A. (Mus) L.C.M., tesegwixxi l-Programm Mużikali.

**-Ħamis 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta**

0.15 a.m. Wara d-Daqq tal-Glorja, il-Banda Re Ġorġ V tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal Triq il-Ġilju, Troll, Sejba, Santa Katarina, Santa Marija, iċ-Ċavi, San Innoċenzju, Santa Katarina, San Bażilju, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, għall-Pjazza quddiem il-Każin.

.30 p.m. Il-Banda Unjoni tagħmel marċ li jibda minn Triq Valletta għal Triq il-Karmnu u l-Pjazza.

.00 p.m. Il-Banda "Queen Victoria" tagħmel marċ li jibda minn Triq il-Parroċċa għall-Pjazza.

.30 p.m. Toħroġ il-purċissjoni bl-Istatwa Artistika ta' Santa Marija, xogħol l-iskultur famuż Xandru Farrugia. Il- Banda Unjoni tilqa' l-Istatwa fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-"Ave Maria" u wara takkumpanjaha mad-dawra tal-purċissjoni. Meta l-Istatwa tasal ħdejn il-Każin, il-Banda "Queen Victoria" tesegwixxi INNU LIL MARIJA ASSUNTA, versi ta' Patri J.M. Ghigo S.J. u mużika ta' Mro. G Martin A. (Mus) L.C.M., O.S.T.J. Ikantaw it-Tenur Brian Cefai u l-Baritonu Mauro Scerri, flimkien mal-Kor tax-Xebbiet tas-Soċjeta'. L-istess Banda wara tkompli l-Pogramm Mużikali tagħha.




'Il-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
imżejjen bl-aktar mod oriġinali għall-festi tal-Milied.




**Iċ-Ċertifikat li jurì r-Rebħ ta' L-Ewwel Premju fil-Kompetizjoni tat-tiżjin tal-Faċċati tal-Każini għall-Żmien il-Milied. Barra dan il-premju ħadna wkoll dak ta' l-Oriġinalita.**

**CARMEL VELLA**

Labour Ave. Naxxar
Tel: 412469
412061



*Asphalting*
*Ready Mix Concrete*
*Bricks - Sand - Torba*

**ALESSIO STATIONERY**

CARDS • HABERDASHERY
• CASSETTES • FILMS
• VIDEOS •
INDOOR PLANTS
SOUVENIRS
and all you need for
any occassion.

117, PARISH STREET,
MQABBA.

TELEPHONE: 683292

**ABELA BROS GARAGE**

DIESEL AND PETROL
MECHANIC
SPECIALISE ON
FORD, MAZDA & TRANSIT
*ABELA BROS GARAGE*
TRIQ IT-TIN
QORMI
TEL: 491579

**FRIDA TRANSPORT SERVICE**

By
Joseph Grech & Sons
Tel: 827860

Għal kull xorta ta' transport

Irrikkorru

"Frida House"
42, St. Basil Street,
Imqabba

# SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (1)
# BANDA "QUEEN VICTORIA" ŻURRIEQ

**SETT TA' MARĊI LI SER JINDAQQU NHAR L-ERBGĦA U L-ĦAMIS, 14 U 15 TA' AWISSU**

| | |
|---|---|
| Nigritin Karmelitani | Mro. E. Bugeja |
| Ġawhra Żurrieqija | Mro. A. Farrugia |
| Minn Surmast għall-Surmast | Mro. E. Bugeja |
| 10 ta' Diċembru, 1900 | Carmel Camilleri |
| Josephine | Mro. E. Bugeja |
| Sultana tal-Karmelu | Mro. J Tanti |
| Aħna ta' l-Istilla | Mro. E. Bugeja |
| Blues for Ever | Mro. E. Bugeja |
| Virgo Singularis | Mro. A. Camilleri |
| To Our President | Mro. E. Bugeja |
| 21st. April 1865 | Mro. E. bugeja |
| Grupp tan-nar Karmelitani | Brian Bugeja |
| 125 sena Banda | Mro. E. Bugeja |
| Fjur tal-Karmnu | Paul Spiteri |
| 4th August | Mro. E. Bugeja |
| Lis-Seba Diretturi | Mro. E. Bugeja |
| Lill-fundaturi | John Farrugia arr. ta' Mro. A. Farrugia |
| Ċelebrita' | Mro. E. Bugeja |

## PROGRAMMI MUŻIKALI

**NHAR L-ERBGĦA, 14 TA' AWISSU:**

| | | |
|---|---|---|
| Overture | Luliana | E. Bugeja |
| Selection | Paint Your Wagon | F. Loewe/A. Previn |
| Innu | Banda "Queen Victoria" | E. Bugeja |
| Innu | Malti | R. Sammut |

**NHAR L-ERBGĦA, 15 TA' AWISSU:**

| | | |
|---|---|---|
| Innu | Lil Santa Marija | G. Martin |
| Fantasia | Andrea Chenier | U. Giordano |
| Symphonic Poem | Victorian Victories | A. Farrugia |
| Innu | Banda "Queen Victoria" | E. Bugeja |
| Innu | Malti | R. Sammut |

**Mro. Alfred Farrugia A. Mus. L.C.M.**
**Surmast / Direttur**

mangion brothers żurrieq LTD.



BUILDING CONSTRUCTION.
CONCRETE MIX & CRANE HIRE
Valletta Road, 15, Mill Street, Żurrieq. Tel. 829590

# REWAEL MARBLES

Granite & Resin Works
TEL: 683096 - 685760

Josmik Garage
Valletta Road - Mqabba

SOCJETÀ SANTA MARIJA u BANDA RE ĠORĠ V
MQABBA
EST. 1910

# SEHEM IL-BANED MISTIEDNA (2)
# BANDA UNJONI LUQA



**SETT TA' MARĊI LI SER JINDAQQU NHAR L-ERBGĦA U L-ĦAMIS, 14 U 15 TA' AWISSU**

| | |
|---|---|
| Trumpeter Anthony Theuma | Ch. Zammit |
| L-Ajkla Tirrenja | J.D. Zammit |
| Anthea | E. Bugeja |
| Mexican Memories | J. Theuma |
| L-ewwel Appostlu | A. Fava |
| Taurus | P. Spiteri |
| El Gato Montes | M. Penella |
| El. Chavalier | J. Casapinta |
| Colorado | J. Abela Scolaro |
| Altar of Roses | L. Bongailas |
| Fiorentina | A. Aquilina |
| Madrilena | J. D. Zammit |

**Mro. Dr. Charles Zammit**
**Ph. D,D.Mus, GLSM, FLCM, FLSM, FVCM, FCSM, Cert FBCM, Hon FNSCM, FWTC.**
**Surmast/Direttur**



# At Mid-Med we play to your tune




**Mid-Med Bank Malta's Largest Bank is determined to play to your tune. The number of banking services it offers from its network of modern and up-to-date offices are tailor-made for you.**

| | |
|---|---|
| **Current Accounts** | You get a Cheque Book to pay your bills in comfort and a Quikcash Card to be able to use the Quikbank - 24 hours a day. |
| **Savings and Deposit Accounts** | Your money is safe and secure while working for you. 3% p.a. on Savings payable on demand, 5% p.a. if you deposit it for one year, 5¼% p.a. for two years and 5½% p.a. for three years. |
| **Foreign Currency Accounts** | If you can hold Foreign Currency you can earn high interest. See the newspapers for current rates. |
| **Loans** | Mid-Med provides you with that extra cash required to expand your business, make that extra improvement to your house or to finance any project. |

*Whatever your banking requirements go to a Bank that plays to your tune - call at one of the Mid-Med Bank Offices.*

**Mid-Med Bank**

**Malta's Largest Bank**
**Where You Matter Most**

## SEHEM IL-BANDA MISTIEDNA (3)
## BANDA "MARIA MATER GRATIAE" ŻABBAR
## SETT TA' MARĊI LI SE JINDAQQU
### NHAR IT-TNEJN, 12 T'AWISSU

| | |
|---|---|
| Fergħa Nisa MMG | Mro. Andrew Coleiro |
| Tal-Baqra Rebbiħin | Mro. Ray Sceberras |
| Franco u Loraine | Mro. Charles Cachia |
| Zabbar Young Lions | Mro. Andrew Coleiro |
| Soċjeta' Rebbieħa | Mro. Hector Dalli |
| Maximus | Mro. Andrew Coleiro |
| Ħaddiema tat-tiżjin kburin | Mro. Sebastian Camilleri |
| Ta' l-ewwel | Mro. Ġiuseppe Abdilla |
| Tal-Grazzja 1990 | Mro. Roald Pisani |
| Maria Dolores | Mro. John Theuma |
| Kemm aħna Kbar | Mro. Andrew Coleiro |
| Family Pace | Mro. Andrew Coleiro |
| Josephine | Mro. Emanuel Bugeja |
| Little Sebastian | Mro. Emanuel Brincat |
| Salvgius | Mro. Ray Sciberras |
| Blue is the Colour | Mro. Alfred Farrugia |
| Planka | Mro. Paul Schembri |
| Mardorann | Mro. Paul Schembri |

MRO. RAYMOND SCIBERRAS L. Mus. L.C.M.
Surmast Direttur

SCICLUNA FLORIST



**Garden Centre**
**Bronja Street**
**Żurrieq**
**Tel: 829621**

For:... *Weddings, Engagements, Parties, Souvenirs, etc...*

# JOSEPH FERRIGGI

**SUPPLIER OF:**

- SISAL ROPES (TAL-PONT)
- NYLON ROPES & TWINES
- MARINE TERELYNE ROPES
- HEMP ROPES
- HEMP TWINES (Spag tan-Nar)
- COTTON TWINES (Tan-Niċċa)
- BROWN BRAIDED (Tal-Konzijiet)
- MAĊRAME TWINES
- CORD BRAIDED (Blinds)
- PACKING TWINES
- JUTE TWINES Etc........

68B ST. CATHERINE STREET,
or 'ST CATHERINE' JOHN BORG
STREET, ŻEJTUN
TEL: 878439

*Carabott Jewellers*

*FOR CRYSTALWARE*
*GOLD AND SILVER ITEMS*

DUN ĠUŻEPP ZAMMIT ST.,
ŻURRIEQ – MALTA
TEL: 680760

DRAGON FORCE

**Joseph Aquilina**

Designer & Decorator – Iron Works
98, Crafts Village, Ta' Qali, Tel: 430962 - 415200
**Manufacturers of:**
•All types of Iron Works •Sheet Metal Works
•Wrought Iron Furniture •Catering Equipment
•Art Metal in Brass, Copper and Metal
•All kinds of Hand Made Souvenirs
•Airconditioning Works •Stainless Steel




Best Craftsmanship – Quick Service

***The best in Video entertainment***
**OVER 3000 TITLES**




27, Cospicua Rd., Paola - Tel: 232997 - 692997

# FGP for all your requirements in FIBREGLASS & SHEET METAL WORK

*We manufacture and install*

- **Galvanized doors and shutters for garages and shops**
  - Round-the-corner garage doors • Up-and-over garage doors • Garage doors on hinges • Roller shutters for shops • Collapsible shutters for shops
- **Fibreglass water tanks which cannot corrode, are easy to install and are elegant in outlook**
- **Fibreglass boats**

We also manufacture office furniture, air-conditioning ducting, steel closed lockers, canopies, partitions and skylights.

## FGP Limited

49 Valletta Road Luqa Tel 233165/6

- Specialists in fibreglass, sheet metal jobbing and light engineering




# MALLIA PETROL STATION

**PJAZZA SAN NIKOLA, SIĠĠIEWI**

**DIAL: 467764**

Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla sa' għand **Mallia Petrol Station** fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm18.50.

Kif ukoll:

- Silencers għal karozzi kollha
- Crash Helmets kbar u żgħar
- Kull kwalità ta' żjut
- Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
- Għodod
- Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
- Aċċessorji u spare parts ta' kull kwalità tajba
- Għandek issib ukoll muturi u karozzi għal bejgħ

# POLIDANO BROS. CO. LTD.
# CEMENT MIX CO. LTD.

**Concrete**
Supplies all types of Concrete mixes



**BRICKS**
Supplies all types of hollow concrete blocks

**Excavation & Construction Works**
Hire of Cranes & Heavy Machinery
Specialized in Earth Moving & Rock Ripping

**ĦAL-FARRUĠ ROAD,**
**LIMITS OF LUQA**
**Tel: 244520, 244539, 244241**



# S.L. IMP. & EXP. LTD.

**J. Sciberras**

Timber & Plywood Importers
D.I.Y., Electrical & Plumbing, Building Materials, Tools
**Wilga Stores, Wilga Street, Luqa**
**Tel:690685**

# MOZART : IL-KOMPOŻITUR TAS-SENA

Bħal kull sena, paġna li dejjem qajmet ċertu interess fostkom il-qarrejja kienet din, iddedikata lill-kompożituri illi tagħhom il-banda tkun ser tesegwixxi l-mużika waqt il-programm annwali tagħha ta' l-ewwel tridu. Iżda, billi, din is-sena jaħbat egħluq il-mitejn anniversarju mill-mewt tal-ġenju mużikali **Wolfgang Amadeus Mozart**, aħna l-kummissjoni banda ser nagħmlu eċċezzjoni u tlabna lis-Surmast/Direttur tal-banda tagħna Mro. A. Camilleri A. Mus. L.S.M. sabiex jagħtina ftit tagħrif hu fuq dan l-iġgant tal-mużika klassika biex b'hekk ma nħallux okkażjoni bħal din taħarbilna. Ngħalqu din in-nota billi xorta waħda nistiednukom tiġu tisimgħu il-programm ta' din is-sena li barra milli huwa wieħed varjat u għall-gosti ta' kulħadd, huwa maħsub biex tiġi mfakkra l-persuna tal-mibki iżda qatt minsi, Mro. G. Martin A. (Mus) L.C.M., O.S.T.J.

Kien ħsieb tajjeb illi għal din is-sena ġejt mitlub naqsam dawn il-ftit ħsibijiet tiegħi fuq wieħed mill-aqwa kompożituri li qatt rat id-dinja : **Wolfgang Amadeus Mozart**. Fil-fatt, id-dilettanti kollha tal-mużika klassika flimkien magħna li jkollna bilfors nistudjaw il-mużika perfetta tiegħu, sforz il-minjiera ta' tagħlim illi bih hi mibnija, ser ikollna xalata ta' ċelebrazzjonijiet kommemorattivi mad-dinja kollha. Dawn fost l-oħrajn jinkludu sensiela ta' kunċerti f'tejatri, fuq stazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni, rappreżentazzjonijiet operistiċi, seminars, konferenzi u kungressi bħal dawk ta' l-Istati Uniti, l-Ingilterra, ir-Russja u fl-aħħar iżda mhux l-anqas f'Salzburg belt twelidu.

F'sitta u tletin sena li dam biss jgħix (fil-fatt huwa twieled fis-27 ta' Jannar 1756 u miet fil-5 ta' Diċembru 1791) ħallielna wirt mużikali kbir u ta' valur imprezzabli, tant li għadu meqjus popolari llum daqs kemm kien fl-aħħar snin tas-seklu tmintax. Bizzejjed wieħed isemmi t-tnax il-opra, wieħed u erbgħin sinfonija, in-numru kbir ta' "concertos" għal diversi strumenti, in-numru kbir ta' marċi divertenti, serenati w għanjiet, il-mużika "da camera" il-famuża "Requiem" flimkien ma ħafna xogħolijiet oħrajn, sew magħrufa kif ukoll li għad iridu jinstabu mal-medda taż-żminijiet.

Fl-ewwel bijografija li nkitbet fuqu lura għas-sena 1793 Friedrich Schlichtegroll jistqarr: "Hekk dif dan il-persunaġġ uniku (Mozart) kiber u sar raġel malajr f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-arti mużikali, madanakollu f'kull ħaġa oħra baqa' jaħsibha ta' tifel". Din is-senteza titfa dawl qawwi u tispjega fil-qosor, iżda b'mod profond, it-traġedja ta' ħajjet Mozart. Billi fi tfulitu huwa tant kien imfaħħar u mfissed (fi kliem ieħor: imħassar) huwa qatt ma tgħallem isir raġel indipendenti (kellu dejjem bżonn it-tweżin ta' missieru Leopold), għex ħajja ta' bla rażan, tberbieq ta' flus u djun bl-addoċċ u sar l-għadu tiegħu nnifsu. Missieru, l-istorja tmur tpoġġijulna bħala mużiċist tajjeb iżda ta' karattru kompletament differenti minn ibnu Wolfgang - nistgħu inxebbħu l-Leopold ma Polonius u Wolfgang ma Hamlet.

Li Mozart kien mużiċist per eċċellenża żgur ħadd ma jista' jiċħdu. Minn l-eta' żgħir ta' sitt snin il-quddiem, huwa dar l-aqwa palazzi ta' l-Ewropa jagħti l-kunċerti u jbellah lil kulħadd, b'dak li kien jirnexxielu jdoqq u jimprovizza. Meta kiber, kompla fl-istess triq bil-konsegwenza li erbatax- il-sena mis-sitta u tletin li għex qattagħhom jiġġerra' 'l bogħod minn daru. Sa ċertu punt dan kien fattur pożittiv fil-ħajja mużikali tiegħu għax b'hekk kellu aċċess għal kull tip ta' mużika u seta jiltaqa' ma l-aqwa mużiċisti u kompożituri ta' żmienu.

Billi l-familja Mozart kienet dejjem tivjaġġa, kienu jżommu kuntat ma xulxin permezz ta' l-ittri; u proprju huma dawn ix-xhieda illi minnhom nistgħu nisiltu il-mumenti sbieħ u koroh, dawk ta' ferħ jew niket, il-mumenti ta' mħabba, ta' mard u disperazzjoni - f'kelma waħda: il-ħajja. Sentenza ħelwa li nsibu f'waħda minn dawn l-ittri bikrin tiegħu kienet titlob lil missieru sabiex ibus id ommu għalih għal 100, 000, 000 darba. Ittri nsibu li bagħat Salzburg minn kullimkien: Vjenna, Munich, Coblenz, Frankfurt, Brussels, Pariġi, Londra, Milan, Bologna, Napli, Venezja, Innsbruck, Monnheim; dejjem jikkomponi, jisma u jiltaqa ma mużiċisti u kompożituri.

Fl-1779, wara l-mewt t'ommu huwa rritorna lura lejn Salzburg fejn daħal bħala organista u direttur fil-Qorti ta' l-Arċisqof. Minn hawn il-quddiem kull kompożizzjoni li għamel (bħal "Coronation Mass", is-"Sinfonija Concertante", għall-vjolin u orkestra, l-"Eb Concerto għal żewġ pjanijiet, eċċ) stabbilixietu bħala "Master". "Idomeneo", għalkemm qatt ma kienet popolari kienet l-ewwel opra ta' ċertu livell li qatt ikkompona sa dak iż-żmien, jiġifieri sas-sena 1781. Din is-sena wkoll kellha tkun it-tmiem tal-karriera qasira tiegħu fil-Qorti ta' l-Arċisqof għaliex wara ġlieda, mżewqa b'xeba tgħajjir mas-segretarju, ċertu Konti Karl Arco, spiċċa mkeċċi minn hemm,

u bla xogħol. Kellu jfittex band'oħra u spiċċa Vjenna, fejn iltaqa ma Kostanza, illi Awissu ta' l-1782 huwa żżewweġ, kontra r-rieda ta' missieru. Kien l-aktar żmien feliċi għalih: kellu ħafna studenti jitgħallmu għandu u kien ġie kkommissjonat sabiex jikkomponi l-opra "The Abduction from the Seraglio", li kisbet suċċess. Warajha ġew kapolavur mużikali wara ieħor, f'kull forma mużikali. Il-laqgħa mal-poeta Lorenzo de Ponte fl-1786 sarfet fi tlett opri kbar: "Le Nozze di Figaro" (1786) "Don Giovanni (1787) u l-"Cosi fan tutte" (1790), bl-ewwel tnejn ikollhom suċċess immedjat saħansitra anki fi Praga.

Flus kienu qabdu deħlin ġmielhom iżda la hu kemm ukoll martu ma kienu jafu fejn biss joqgħod l-għaqal, biex lejn l-aħħar jiem ta' ħajtu spiċċa jitkarrab u jiddejjen mingħand dak u l-ieħor, sabiex ikunu jistgħu jgħixu. Fl-aħħar sena ta' ħajtu kkompona l-famuża "Magic Flute", bl-ewwel dehra tagħha tkun fit-30 ta' Settembru 1791. Kienet suċċess strepituż illi forsi kinet ittafilu ftit mid-djun kbar li kellu iżda x-xogħol bla waqfien u marda serja fil-kliewi keddewh tant li bagħtuħ il-qabar ħesrem. Taħsbux li kellu xi funeral gwapp; le xejn minn dan tant illi llum anqas biss nafu f'liema qabar taċ-ċimiterju ta' San Marx huwa jinsab midfun!

Mingħajr ma nidħol f'ħafna dettal, il-mużika ta' Mozart hi deskritta bħala ħafifa u fl-istess ħin tqila biex tismagħha: ħafifa minħabba l-ħlewwa, l-melodija pura dejjem ġejja bħal xmara li qatt ma tinxef u l-perfezzjoni; tqila minħabba li hi mibnija b'ħafna passjoni u sentimenti profondi. Mingħajr l-iċken dubju, l-influweza oriġinali f'xogħolijietu ġiet minn missieru u kompożituri oħra ta' żmienu bħal Johan Schobert, C.P.E. Bach, biex imbagħad laħaq il-quċċata tiegħu bl-influwenza ta' Haydn, J .S. Bach (b'mod partikolari l-aħħar moviment tas-sinfonija "Jupiter') u Handel. Dwar Mozart u l-opra tista' tikteb ktieb sħiħ għax matul ħajtu, kellu ġenn kbir biex jikteb f'din il-forma mużikali. Kellu idejat progressivi ferm għal dak iż-żmien, bħal ngħidu aħna illi l-poeżija fl-opra trid tobdi l-mużika, mingħajr ma naqqas mill-importanza u l-awtentiċita' tal-librett. Forma oħra mużikali li Mozart irnexxielu jagħtiha l-ħajja u importanza daqs is-sinfonija kienet il-"Piano Concerto", bħal ngħidu aħna l- K.595 (in Sib Mag), il- K. 488 (in La Mag)., eċċ.

Fi żmienu ma kienx apprezzat tant li kienu laqmuh ir-Raffaello tal-mużika li iżda b"kumbinazzjoni" inżerta wkoll il-kompożitur tad-"Don Giovanni". Is-sens naturali u uman flimkien mas-saħħa u l-qawwa li bih huma mżejna kull tip ta' mużika tiegħu anqas biss kienu jagħtu kashom.

B'danakollu, iż-żmien ta' raġun lil Mozart u llum il-mużika tiegħu tinsab fuq l-ogħla pedestall. In-naqra ta' raġel minn Salzburg kien miraklu ħaj u xhieda ta' dak li bniedem hu kapaċi jagħmel b'perfezzjoni straordinarja iżda b'mod naturali. F'Mozart l-arti anġelika tal-mużika laħqet il-qofol tal-perfezzjoni tagħha u llum, aktar minn qatt qabel, din l-istess mużika nħoss li għandha messaġġ kbir xi twasslilna: **messaġġ ta' paċi, għaqda u sliem bejnietna l-Maltin u bejn il-ġnus kollha tad-dinja** ħalli hekk kif Mozart mitejn sena ilu ħadem għall-progress ta' l-umanita', permezz ta' l-arti mużikali nagħmlu l-istess aħna fi żmiena b'ħidmietna sabiex ikollna dinja aħjar milli sibna.

**Mro. A. Camilleri A. Mus. L.S.M**
**Surmast/ Direttur**
**Mejju '91**


✿ ✿ ✿

***KOMPLI ĠEDDED IL-ĦAJJA***

***TAL-BANDA RE ĠORĠ V***

***BILLI TĦAJJAR U TIBGĦAT L-ULIEDEK***

***JITGĦALLMU L-MUŻIKA***

✿ ✿ ✿



Il-Familja Mozart fl-1781: Nannerl, Wolfgang, Anna Maria, u Leopold.



Mozart kif jidher fil-"Portrait" mhux komplut ta' Lage fl-1782.
"Fl-arti mużikali, ma kien hemm xejn illi ma jafx jagħmel aqwa minn ħadd ieħor".

GĦALL-XOGĦOL PROFESSJONALI
TA' FOTOGRAFIJA U VIDEO
GĦALL-TIĠIJIET, ENGAGEMENTS,
MAGĦMUDIJIET, PARTIES,
ETC, ETC, ETC
IRRIKORRU.

JC video
VIDEO FILMING FOR
ALL OCCASIONS

'MonRev'



TELEPHONE: 776845

GĦAL KULL XOGĦOL TA'
TINDIF TA' TOILETS
KATUSI TAD-DRENAĠĠ
KATUSI TAL-BTIEĦI

ĊEMPEL LIL
KARMNU
CARUANA

"ST. BERNARDETTE"
TRIQ FRANĠISKU BUHAGIAR
QRENDI
TEL: 683463

ĠILJU
BARBARA
CRANE HIRE
FOR ALL KINDS OF WORK



114, PARISH STR,
MQABBA

TELEPHONE:
685735 - 680986

# L.L.F.

## GRANITE & MARBLE WORKS

## Industrial Estate, Luqa

**For Stairs, Kitchen Tops, Fireplaces, & Facades**

**Tel: 801850, 685014**

**ZERAFA - CINI**











# IT-TELFA TA' MRO. GEORGE MARTIN A. Mus. L.C.M., O.S.T.J.

Kien il-Ħadd, 24 ta' Frar 1991 meta għall-ħabta tad-9.30 p.m. instema' jċempel it-telefon tal-każin.....Membru tal-kumitat, illi dak il-ħin inzerta hemm, qamm iwieġbu......Instema' leħen baxx u fgat bid-dieqa jgħid "miet is-surmast Martin".

Kienet ħasda kbira għalina lkoll, għall -ammiraturi tal-baned Maltin u b'mod speċjali, għall-poplu Mqabbi kollu illi fil-persuna tas-Surmast Martin, kien jara bniedem illi b'xogħolu fil-qasam mużikali ġab il-kultura f'raħalna il-quddiem. Il-karattru tiegħu kien tant jagħmlu fuq tiegħu u dejjem attiv illi sebgħin sena ma kienux jidhru fih, anzi baqa' sa l-aħħar (jumejn qabel miet, jiġifieri l-Ġimgħa, kien magħna l-każin imexxi il-kunċert!) jieħu ħsieb il-banda tagħna b'responsabbilta' kbira, l-uniku banda li żamm għaliex verament kien iħobbha daqs il-mimmi ta' għajnejh.

Ħamsa u tletin sena huma altru minn għomor ta' bniedem. Daqshekk kien ilu marbut mas-Soċjeta' tagħna: kien ra lil ħafna mill-ġenituri tagħna jiżżewġu, kien jiftakar lil ħafna minnha nitwieldu, nikbru u ta' tfal u żagħżagħ li konna, naqbżu waqt il-marċi brijużi tiegħu....

Kien bniedem fitt f'xogħolu u ddixxiplinat; kien ukoll nervuż meta jara nuqqas ta' interess minn naħa tal-mużikant, sforz l-għira u l-imħabba kbira li kellu lejn l-arti mużikali. Ix-xogħolijiet tiegħu (bħall-Innu lil Santa Marija Mtella' s-Sema u ieħor lil San Leonardo, il-"Concert Overtures" u siltiet mużiakli oħra inkluż il-fuq minn sebgħin marċ) huma xhieda ħajja tat-talent artistiku tas-Surmast Martin. Kien surmast komplut!

Mill-att uman, bħal kulħadd, kellu d-difetti tiegħu iżda żgur illi irġulitu u l-onesta tiegħu lejn kollox u kulħadd huma doni li jiżbqu kull difett li seta' wieħed jara fih. Kien bniedem ferrieħi ħafna u ta' kuraġġ kbir: ħafna drabi, f'xi mument daqsxejn diffiċli f'ħajtu, minflok nagħmlu kuraġġ lilu kien jispiċċa jagħmel hu lilna. Imbagħad xi ngħidu għall-festa ta' Santa Marija; kellu rokna speċjali f'qalbu għal din l-okkażjoni. F'intervista miegħu li konna ippublikajna fil-programm tal-festa 1989, kien spiċċa jgħid hekk: "Ħudu ħsieb sewwa ta' din is-Soċjeta', sabiex il-Festa Kbira ta' Santa Marija tal-Imqabba tkompli dejjem aktar tikber għaliex hekk biss jixirqilha Ommna Marija Santissima".

X'ma jiġux il-bandisti, is-soċji, il-partitarji nisa u rġiel, id-dilettanti tan-nar, is-Soċjetajiet tar-Raħal kif ukoll barranin biex flimkien ma nies distinti magħquda mal-poplu Mqabbi kollu jagħtuh l-aħħar tislima: kien wieħed mill-isbaħ funerali li qatt ra l-Imqabba!

Ma baqax ħlief illi, ta' nsara li aħna, nitolbu l-ewwelnett għar-ruħu kif ukoll sabiex is-sabar ma jonqos qatt lil għażiża martu, uliedu, ħutu, neputijiet, qraba u ħbieb. Żgur illi f'dawn l-erbgħa kelmiet anqas biss ħjiel m'hemm ta' dak li aħna bħala soċjeta' mużikali, nistgħu ngħidu fuq dan il-persunaġġ li ħalliena. **Il-vojt li ħallejt warajk surmast huwa kbir wisq, daqs l-imħabba li dejjem urejt lejnha: int kont, għadek u tibqa' wieħed minna, " Imqabbi bħalkom", hekk kif kont tieħu gost li ngħidulek.**





Membri tal-Kumitat jerfgħu it-tebut. Fl-isfond tidher ukoll il-Banda tagħti l-aħħar tislima.

Mument ta' qsim il-qalb waqt illi l-Kortejo għadda minn quddiem il-Każin tas-Soċjeta'.





L-aħħar rit tal-Knisja.

Il-Knisja Parrokjali mimlija daqs bajda waqt il-Quddiesa "presente catavere".





## ATC PLASTICS LTD

**Manufacturer of Jablo,
Expanded Polystyrene,
Soffit Ceilings,
Coldstore Insulation,
Pipelagging,
Packaging Moulding.**

**APPLY
30 LUQA INDUSTRIAL ESTATE
LUQA.
TEL: 284243
(In front of Country Hotel)**

# FESTA TA' SANTA MARIJA - 1990
# RENDIKONT TAL-FESTA FIL-KNISJA

**DĦUL:**

| | |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena l-oħra | 29.80.0 |
| Ġbir bl-envelopes bieb bieb | 781.00.0 |
| Ġabra speċjali fil-knisja | 164.00.0 |
| | Lm 974.80.0 |

**ĦRUĠ:**

| | |
|---|---|
| Personell barrani | 69.00.0 |
| Orkestra/Organista/Vuċijiet | 570.50.0 |
| Daqq ta' qniepen/standarti/Anterni/Salib | 28.00.0 |
| Dawl-faċċata tal-knisja/kampnar/koppla | 300.00.0 |
| Fjuri | 7.00.0 |
| | Lm 974.50.0 |

| | |
|---|---|
| **DĦUL** | 974.80.0 |
| **ĦRUĠ** | 974.50.0 |
| **BILANĊ** | Lm 0.30.0 |


# PANDA
## GIFT-SHOP

Triq Karmenu Ciantar – Mqabba

Fejn issibu:

**Għażla ta' Għamara** bħal corners, sidetables, mirja, trolleys, inkwadri ta' kull għamla u daqs u affarijiet utili oħra.
**Issibu wkoll** linef; silver plated jew silver; ċeramika fina; figurini; affarijiet tal-kristall u oġġetti tal-kċina u ħafna affarijiet għad-dar.

**Għalhekk għaliex le? Aslu wasla sal-**

## PANDA GIFT-SHOP

f'dawn il-ġranet tal-Festa biex tkunu tistgħu ssebbħu d-djar tagħkom.

# J.B. STORES TEXTILES

***CAN OFFER YOU A LARGER SELECTION OF DRAPERY***

*Fabrics for all occasions*

**Curtains Bed Sheets Fitted Carpets**

**Furnishings, Rugs & Towels.**

**Haberdashery**

**READY MADE GARMENTS**

**J.B. STORES, L'IKLIN ROAD., LIJA.**

**Tel. 446818, 497190, 413891 - Fax 492924**



# L-IMQABBA:
## TAGĦRIF FUQ IL-KNISJA PARROKKJALI

Meta tħares lejn l-Imqabba minn barra l-pajjiż inti, inkonxjament, mill-ewwel tidentifika ruħek mal-koppla, illi mill-bogħod issir is-simbolu tar-Raħal jew il-meta' ta' fejn int għandek tasal. Iżda, l-koppla tal-lum mhux dik li jiftakru missirijietna, u huma biss jafu kemm sabuha diffiċli biex jidentifikaw ruħhom mal-koppla l-ġdida fl-ewwel żminijiet tagħha. U forsi għad hawn ħafna minnhom li għadhom jirrakkontaw dak li ħassew nhar il-Ħamis 9 ta' April, 1942, meta l-koppla l-qadima ġarbet ħsarat kbar bil-bombi ta' l-għadu, ħsarat tant kbar illi kellha tinbidel. Għal min ma jiftakarhiex, il-koppla l-qadima kienet tixbaħ lil dik taż-Żurrieq, iżda kellha l-panewwijiet li fihom hemm it-twieqi iżgħar u l-parapett iktar għoli, b'effett ġenerali li kien deċiżivament inqas b'saħħtu.

Iżda, ejja hawnhekk nieqfu u mmorru lura mijiet ta' snin ħalli naraw kif u għaliex waslet biex tinbena l-knisja li jiftakkru l-anzjani tar-raħal. Fl-imgħoddi l-Imqabba, jew ' Micabiba', kien raħal żgħir magħqud ma' Bir Miftuħ, li diġa' kienet saret parroċċa matriċi xi żmien qabel il-1436 taħt il-titlu ta' l-Assunta. Ġara li l-irħula kibru u fl-1592 l-Isqof Gargallo fired lil Ħal-Kirkop minn Bir Miftuħ u għaqqad magħha lil Imqabba u lil Ħal -Safi. Madankollu, wara biss sitt snin l-istess Isqof talla' lil Imqabba parroċċa taħt it-titlu ta' l-Assunta. F'dawn iż-żminijiet il-knisja ewlenija kienet saret dik ta' San Bażilju, waqt li kien hemm ukoll ħames kappelli iżgħar iddedikati lil San Mikiel, San Pietru, Santa Katarina, lid-Duluri u lill-Assunta. U kien propju flok din ta' l-aħħar li kien ġie deċiż li tittella' l-knisja l-ġdida. Din tlestiet fl-1689 taħt l-insistenza tal-ħabbrieki Dun Anġlu Mallia, Kappillan tar-raħal, u taħt id-direzzjoni ta' Mastru Marju Briffa u ibnu Ġanni. Jingħad li fis-26 ta' Jannar tas-sena ta' wara, l-istess Kappillan Mallia miet fil-pjazza ta' quddiem il-knisja, waqt li kien bil-qegħda qed ikellem lir-raħħala. Għaddew kwazi mitt sena minn din il-ġrajja u, fl-20 ta' Mejju 1774 il-knisja, kompluta bl-iskultura u bis-sagristija, ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Ġiovanni Carmine Pellerana. Din kienet l-istess knisja li naraw f'dan ir-ritratt, meħud xi żmien qabel il-gwerra. Hija għandha arkittetura sempliċi iżda eleganti, u għajr għal dak it-tibdil fil-koppla, il-knisja ta' l-Imqabba baqgħet waħda mill-ftit knejjes parrokkjali m'hix mittiefsa. Fl-istess ritratt, ma' ġenb il-knisja ta' min jinnota kif kien il-Każin tal-Banda Re Ġorġ V qabel ma tkabbar fl-1949 fuq pjanta ta' Ġuże' D'Amato.

***Keith Sciberras***



# FENECH PLANT HIRE LTD.



**Supplier of:**

Ready Mixed Concrete
and Franka Spalls
Crane Hire

**Contractor for:**

Excavation work
General Plant Contractor

GUDJA ROAD, GUDJA
TEL. 821931



*Zingarella*

**BOUTIQUE**

**For Latest Designers from PARIS, ROME, LONDON**

**93, St. John's Street, Valletta**



TWO BOOKSHELF FOR BOYS AND GIRLS
9A PLOUGH STREET, ATTARD
COMMONWEALTH EDUCATIONAL SOCIETY
TERMS OF PAYMENTS
MONTHLY INSTALLMENTS
THROUGH MID-MED BANK
FOR MORE INFORMATION
TELEPHONE: 414753

THE NEW STANDARD ENCYCLOPAEDIA

INFORMATION ADAPTED TO NEEDS OF EACH USER.

THE LATEST EDITION - A MINE OF UP-TO-THE MINUTE INFORMATION ON TOPICS UPON WHICH YOUR & YOUR CHILDREN'S FUTURE DEPENDS - ATOMIC ENERGY, COMMUNICATIONS, HISTORY, MEDICINE - ALL EASILY ACCESSIBLE IN 20 BEAUTIFULLY BOUND VOLUMES

THE CHILD DEVELOPMENT PROGRAMME

GIVE YOUR CHILD A HEAD START - OPEN HIS MIND TO A WORLD OF INSPIRATION, KNOWLEDGE AND ENTERTAINMENT

TEN BEAUTIFULLY BOUND AND ILLUSTRATED VOLUMES WHICH WILL INTRODUCE HIM TO THE BEST CLASSIC AND MODERN AUTHORS, WHILE DEVELOPING HIS MENTAL AND PHYSICAL SKILLS

*ARRANĠAMENTI TA' FJURI GĦAL KULL OKKAŻJONI BĦAL TIĠIJIET, ENGAGEMENTS, MAGĦMUDIJA, SOUVENIRS, HEADRESSES U KIF UKOLL QLUB GĦAL KULL OKKAŻJONI*

IRRIKKORRU

ALDO U CLARE
DAR SANTA MARIJA
TRIQ MIKELANĠ SAPIANO,
MQABBA. ☎TEL: 683209

**TORBA**

**TORBA GĦAL TAĦT IL-MADUM U KONTRABJUT**

IRRIKORRU

**QUARRY 26 TA' KANDJA L/O MQABBA**

**"TA' KAZZA"**
**(Ħdejn il-Pumping Station)**

**LETTER A**

Stationery

Triq il-Kileb, Mqabba
for
Video Rentals, Stationery, Haberdashery, Cards, Toys eċċ.

# PROGRAMM TAL-ĦRUQ TAN-NAR



**IL-ĠIMGĦA, 9 TA' AWISSU - ĦRUĠ TA' L-ISTATWA**

Fis- 7.30 p.m. Ħruq ta' salut, Musketterija, Kaxxa Infernali u Murtaletti.
Fil-11.00 p.m. Ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-Art quddiem il-każin.

**IL-ĦADD, 11 TA' AWISSU - L-EWWEL TRIDU**

Fl-10.00 p.m. Ħruq ta' Musketterija, Murtaletti u Kaxxa Infernali.

**IT-TNEJN, 12 TA' AWISSU - IT-TIENI TRIDU**

fl-10.00 p.m. Ħruq ta' Musketterija, Murtaletti u Kaxxa Infernali.

**IT-TLIETA, 13 TA' AWISSU - L-AĦĦAR TRIDU**

Fl-10.00 p.m. Ħruq ta' Musketterija, Murtaletti, Murtali tal-Beraq pront u tal-Kulur u Kaxxa Infernali.
Fil-11.00 p.m. Ħruq ta' Logħob tan-nar ta' L-Art.

**L-ERBGĦA, 14 TA' AWISSU - LEJLIET IL-FESTA**

Fid-9.00 a.m. Daqq tat-Te Deum. Ħruq ta' Musketterija, kaxxa Infernali u Murtaletti.
Fis-6.30 p.m. Translazzjoni. Ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Infernali, Murtalletti u Murtali bil-logħob.
Fl-10.00 p.m. Spettaklu kbir ta' logħob tan-nar li jinkludi ħruq ta' Salut, Blalen, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur u Kaxxa tal-Kulur.
Fil-11.00 p.m. Wirja ta' Logħob tan-Nar ta' l-Art mekkanizzat u Artistiku.

**IL-ĦAMIS, 15 TA' AWISSU - JUM IL-FESTA**

Fl-12.00 a.m. Ħruq ta' Murtali u Murtaletti.
Fis-7.30 p.m. Mal-ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija jiġi sparat salut, Musketterija u Kaxxa infernali. Matul il-purċissjoni jkun hemm ħruq ta' Murtalletti, Murtali bil-logħob u Murtali tal-Beraq Pront u tal-kulur. Mad-dħul ta' l-Istatwa tiġi sparata Kaxxa tal-Kulur.

Il-Logħob tan-nar kollu, kemm ta' l-Art kif ukoll ta' l-Ajru huwa xogħol tad-Dilettanti tas-Soċjeta' Santa Marija. Il-Kumitat f'isem is-Soċi u l-Partitarji jirringrazzjawhom tas-sagrifiċċju li għamlu matul is-sena sabiex jipprovdu l-ispettaklu.

# PRIME BACON CO. LTD.

**Member of the J & L Muscat Group**

**MGIERET ROAD - MARSA**

**Tel: 222291/2**

**Producers: PRIME WILTSHIRE CURE BACON & HAMS**
**ENGLISH TYPE PORK & BEEF SAUSAGES**

**Awarded the Malta Government Board of Standards Award.**

**'FLOWER MARK'**

**For: 1. Quality; 2. Purity; 3. Hygiene**

**CATERERS FOR ALL OCCASIONS**

Primavera

DOLCERIA

**SCHOOL STREET, TARXIEN TEL:816226**

# SUNRAY BUTCHER

**For Fresh and Frozen Meat**

**40 Church Square, Mqabba**
**Tel: 683690**

## COMBINED TRADES CENTRE

TRIQ IS-SALJATURA
MQABBA
(wara il-Mentna)

Għal kull xorta ta' boldijiet, skorfini, kamini, vireg tal-welding, Taps u Dies, għodda ta' l-idejn u għodda ta' l-elletriku, charges u pompi ta' l-ilma.

## TAL-MANJU CRANE HIRE

For all kinds of work

Mario Bondin
"Baħbuħa"
Vinc. Dimech Str., Żurrieq
☎ 683687

## JOE BELLIZZI

Jekk għandek bżonn Insurance għall-Karozza, Dar, Ħanut, eċċ., jew jekk wasiet biex tagħlaqlek l-INSURANCE li diġà għandek, tista' tħallasha għand:

"EL PARADISO"
MATTEOLA SALIBA
STREET
ŻURRIEQ
TEL: 824519

(Bieb ma' bieb ma' Baldacchino Woodworks)

## JAMES GREEN

Funeral Service

IRRIKORRU:
'GREEN HOUSE'

ST. CATHERINE STR., QRENDI
Tel: 827791

# STATUT ĠDID TAS-SOĊJETA' ifisser RABTA AKTAR QAWWIJA MAL-FESTA TA' SANTA MARIJA

Il-frazi "Kostituzzjoni tal-pajjiż" min jaf kemm-il-darba smajniha innominata f'ħajjitna. B'mod l-aktar sempliċi, din hi ġabra ta' liġijiet mgħoddija mill-Parlament tal-pajjiż (li huwa meqjus mill-istess Kostituzzjoni bħala l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż) sabiex l-istess pajjiż ikun jista' jiġi immexxi u amministrat bl-aktar mod ġust u ordnat. Bl-istess mod, iżda fuq skala ferm iżgħar, l-Istatut ta' Soċjeta' jagħti **direzzjoni** ċara lill-Kumitat Eżekuttiv ta' dik is-soċjeta' partikolari sabiex, barra milli jpoġġi s-Soċjeta' legalment effetiva (skond kif mitlub fil-Kostituzzjoni tal-pajjiż), jiżgura l-eżistenza u l-kontinwazzjoni ta' dik is-soċjeta' u l-prinċipji fundamentali li għalihom tkun twaqqfet.

L-1990 ser tibqa' imfakkra fil-kotba ta' l-istorja tas-Soċjeta' tagħna għaliex saret ir-reviżjoni ġenerali ta' dan l-Istatut tant mistennija, sabiex jiġi emendat u aġġornat skond il-ħtiġijiet tal-mument u, kemm jista' jkun, ta' dawk futuri wkoll. Għalkemm missirijietna, ta' għaqlin li kienu sa mit-twaqqif tas-soċjeta' ħasbu biex ikollhom statut b'direzzjoni l-aktar ċara, m'għandniex xi ngħidu, billi ż-żminijiet jinbidlu, ċertu artikli ma jibqgħux effettivi daqs qabel u jkollhom bżonn xi tibdil jew jitħassru għal kollox. Biss, bħall-Evanġelu, il-maġġoranza ta' l-artikli li kien hemm fl-Istatut preċedenti baqgħu u jibqgħu jgħoddu għal kull żmien għax iż-żmien jinbidel iżda le l-ideali. B'danakollu kienet ilha tinħass il-ħtieġa ta' din ir-reviżjoni ġenerali partikolarment minħabba artikli ġodda li xtaqna nintroduċu u anki minħabba l-ħafna emendi, li akkumulaw maż-żmien u li biex issibhom kien ikollok toqgħod taqra il-minuti tas-seduti ġenerali l-imgħoddija kollha.

Għaldaqstant, is-seduta ġenerali annwali ta' l-1990 ħatret kummissjoni **"Reviżjoni ta' l-Istatut"** sabiex tkun tista tressaq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Kumitat ħalli jinbeda x-xogħol. Vera ħaqqhom prosit l-erba membri li ffurmaw din il-kummissjoni (**is-sinjuri Carmel Psaila, Nazzareno Sciberras, Francis Vella u Twanny Camilleri**) għaliex kellhom biċċa xogħol iebsa ħafna biex jikkonsultaw ħafna statuti ta' Soċjetajiet oħra ta' pajjiżna u javviċinaw nies illi fil-passat kellhom x'jaqsmu fid-direzzjoni tas-Soċjeta' tagħna. Bla dubju ta' xejn, dan kien il-pedament; ħa x-xhur biex jitlesta' l-ewwel abbozz illi ġie mgħoddi lill-Kumitat f'Ottubru li għadda. Wara, issejħet seduta ġenerali straordinarja li nfirxet fuq erba' sessjonijiet, sabiex l-Istatut jiġi mgħoddi artiklu b'artiklu, bis-sehem attiv tas-soċji numerużi li kienu jkunu preżenti.

Issa, x'kienu l-aktar tibdiliet importanti li seħħew? L-ewwel u qabel kollox, fl-isem tas-soċjeta' tagħna. Kienet ideja ferm sabiħa illi fl-isem tiddaħħal il-frażi "Soċjeta' Santa Marija" sabiex tkompli tikber u tissaħħaħ ir-rabta tal-każin tal-Banda Re Ġorġ V mal-Festa ewlenija fir-raħal tagħna, matul liema Festa qatt ma naqas is-sehem sħiħ tal-Banda tagħna, sa mit-twaqqif tagħha. Għaldaqstant, l-isem il-ġdid **"Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V"**

jiġbor fih innifsu l-għanijiet kollha illi għalihom missirijietna waqqfu fl-1910 l-ewwel Soċjeta' fl-Imqabba, mingħajr ma joħnoq il-passat storiku/mużikali tal-Banda Re Ġorġ V. It-tieni punt, illi żgur ser ipoġġi s-Soċjeta' Mużikali tagħna bħala waħda minn tal-bidu f'dan ir-rigward fi gżiritna huwa r-rikonoxximent tal-mara fil-ħajja soċjo/kulturali ta' llum. F'dinja li miexja b'pass imgħaġġel ferm lejn emanċipazzjoni sħiħa tal-mara f'kull qasam tal-ħajja, huwa illoġiku illi tibqa' tinjora dan il-fatt u b'mod l-aktar konservattiv tibqa' ssostni li Soċjeta' bħal tagħna hi rriservata esklussivament għall-irġiel biss. B'dan il-ħsieb l-Istatut ġie imfassal b'tali mod illi jirrikonoxxi l-**Fergħa tan-Nisa** fi ħdan is-soċjeta' u jpoġġiha direttament fuq quddiem nett b'responsabbilta' sħiħa fl-amministrazzjoni ġenerali ta' l-istess Soċjeta'.

Qabel nagħlqu dan l-artiklu, ta' min wieħed jagħti daqqa t'għajn ħafifa lejn il-Kapitli kollha ta' l-Istatut il-ġdid sabiex jieħu ideja ġenerali tiegħu. l-istatut jikkonsisti f'138-il-artiklu, maqsumin f'sittax-il-Kapitlu li huma:

| | |
|---|---|
| Kap 1 | -Isem |
| Kap 2 | -Għan |
| Kap 3 | -Dmirijiet |
| Kap 4 | -Is-Soċjeta' |
| Kap 5 | -Ħlas |
| Kap 6 | -Membri Ġodda |
| Kap 7 | -Tmexxija |
| Kap 8 | -Laqgħat |
| Kap 9 | -Amministrazzjoni |
| Kap 10 | -Karigi |
| Kap 11 | -Dixxiplina u Dispożizzjoni Ġenerali |
| Kap 12 | -Proċedura |
| Kap 13 | -Banda |
| Kap 14 | -Luttu |
| Kap 15 | -Tlugħ tal-bandiera u mixegħla tal-Każin |
| Kap 16 | -Fondi, Propjeta' u Dissoluzzjoni |

Ma dawn insibu wkoll **Appendiċi** sabiex ikopri l-**Fergħa tan-Nisa tas-Soċjeta'**. Fil-futur qarib, kull membru tas-soċjeta' ser ikun jista' jakkwista l-kopja personali tiegħu, iżda, sa dan it-tant, kull diffikulta' li tista' tinqala' għandha tiġi imressqa lil xi membru tal-Kumitat.

Kif qegħdin taraw, ma stajniex ma nsemmux avveniment hekk importanti fil-ħajja tas-soċjeta' tagħna, f'dan il-ktejjeb ta' tifkira tal-Festa 1991. Dan minħabba illi, billi s-soċjeta' tagħna hi waħda ħajja, it-tibdil li ġġib magħha l-ħajja jrid jirrifletti wkoll fit-tibdil ta' kull Soċjeta' attiva u effettiva sabiex din tibqa' miexja 'l quddiem fl-ideali li għalihom ġiet imwaqqfa.

**Il-Kumitat.**

# RINGRAZZJAMENT

***Il-Kumitat Eżekuttiv jixtieq jirringrazzja:***

*Lis-Surmast u l-bandisti tal-post kollha tas-sehem li jagħtu matul is-sena.*

*Lis-Soċji talli dejjem ikunu puntwali fil-menswalita' u nappellaw ukoll biex soċji oħrajn ikunu puntwali huma wkoll.*

*Lid-dilettanti tan-nar illi b'sogru kbir għal ħajjithom, dejjem jistinkaw biex iżommu l-ogħla livell ta' spettakli.*

*Lill-Fergħa tan-Nisa tas-Soċjeta' li jieħdu ħsieb jiġbru u jorganiżżaw ħafna attivitajiet soċjali matul is-sena.*

*Lis-Sinjuri Paul Mifsud u Paul Gauċi illi flimkien ma sħabhom, jikkoordinaw ix-xogħol fuq l-armar.*

*Lis-Sinjuri Peter Psaila u Francis Vella u 'l dawk kollha illi b'ħidmiethom irnexxielna nieħdu l-ewwel post fil-Kompetitzzjoni ta' l-aħjar faċċata ta' Każin imżejjen għall-Milied.*

*Lil Kappillan u l-Kleru tal-parroċċa illi flimkien ma' nies volontarji oħra jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw il-knisja, kif ukoll it-tmexxija tal-funzjonijiet liturġiċi matul il-Festa Titulari ta' Santa Marija.*

*Lill-Benefatturi, soċji u partitarji kollha ta' l-appoġġ li dejjem jagħtuna.*

*Lil kull min b'xi mod jew ieħor għen sabiex dan il-Programm ġie stampat speċjalment lil dawk li għoġobhom jirriklamaw, u lill-qarrejja nħeġġuhom jixtru l-prodotti u jinqdew bis-servizzi irreklamati f'dan il-ktejjeb.*

E. CATANIA
WOOD CARVING

Għall-aqwa xogħol ta' għamara bħal salotti, sottospekkji u sidetables bl-iskultura

*MORRU GĦAND*
*MANWEL CATANIA*

SHOWROOM
"Odyssey"
Bronja Street
Żurrieq

WORKSHOP
Odssey Garage
Alexander Street
Żurrieq

***Ħin tax-xogħol: 7.00 a.m. - 6.00 p.m.***
***Tel: 682137***

Wasaltu biex tiżżewġu jew għandkom xi
okkażjoni mela għalfejn ma tmorrux għand
OXFORD PHOTO STUDIO
u tibbukjaw is-sett ta' ritratti u l-video.
Aħna l-uniku ħanut li ntukom xogħol professjonali ma' kull sett
ta' ritratti li tibbukkjaw tingħataw
5 ritratti kbar ta' 10 x 8 b'xejn.

# OXFORD PHOTO STUDIO

## 7, Paola Square, Paola
## Tel: 238069

**GĦALL- AQWA XOGĦOL TA' FOTOGRAFIJA**



**Issibu kull xorta ta' Hi-Fi systems, Speakers,
Radio Cassettes, Monitors, T.V. Tables u Colour T.Vs.
Stallazzjoni ta' T.V. u F. M. Aerial Boosters, u Rotators**




BONNICI'S PRESS 36, ST. PAUL STREET, VALLETTA